L-istejtus regolatorju tal-prodotti mediċinali differenti li fihom Methylphenidate huwa eteroġenu mal-Istati Membri tal-UE kollha (SM). L-eteroġenija teżisti kemm fid-disponibilità tal-prodotti differenti mal-SM kollha kif ukoll fost l-informazzjoni dwar il-prodott bejn il-prodotti.

L-evalwazzjoni tas-sigurtà ta' din il-proċedura hi ffukata l-aktar fuq it-tħassib segwenti potenzjalment assoċjati mat-trattament b'methylphenidate: riskji kardjovaskulari, riskji ċerebrovaskulari, disturbi psikjatriċi, karċinoġeniċità, effett fuq it-tkabbir u effetti fuq it-trattament fit-tul. Dan it-tħassib huwa diskuss individwalment fit-taqsimiet segwenti.

L-informazzjoni dwar il-prodott (PI) ta' ħafna mill-prodotti fiha elementi ewlenin fuq it-tħassib dwar is-sigurtà ta' methylphenidate imsemmi hawn fuq. Madankollu, eżerċizzju ta' armonizzazzjoni bejn il-prodotti huwa meqjus wieħed mill-iskopijiet ewlenin ta' din il-proċedura biex jiġi assigurat l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa fl-Istati Membri kollha fejn huma awtorizzati l-prodotti b'methylphenidate.

2.1 Riskju Kardjovaskulari

2.1.a Dejta minn provi kliniċi

B'mod ġenerali, id-dejta relatata mar-riskji kardjovaskulari mill-provi kliniċi kollha ta' prodotti li fihom methylphenidate uriet li l-episodji kollha ta' pressjoni għolja, żidiet fir-rati ta' taħbit tal-qalb

jew arritmiji (b'mod partikolari takikardija) u l-prolongament QT kienu l-episodji kardjovaskulari rrapportati b'mod prinċipali. L-analiżi tad-dejta pprovduta mill-MAHs uriet effett varjabbli ħafna ta' methylphenidate fuq il-pressjoni tad-demm u r-rata tat-taħbit tal-qalb. Fejn ġiet ipprovduta l-analiżi tal-istorja medika jew tal-medikazzjonijiet li jingħataw fl-istess ħin, dawn ma pprovdewx evidenza konklussiva tal-fatturi tar-riskju li jistgħu jiġu mbassra għal effetti kardjovaskulari ta' methylphenidate. Methylphenidate għandha effetti dokumentat sewwa fuq il-pressjoni tad-demm u r-rata tat-taħbit tal-qalb (iż-żieda fir-rata tal-polz, iż-żieda fil-pressjoni tad-demm u t-takikardija huma episodji avversi rikonoxxuti ta' methylphenidate u huma elenkati fl-informazzjoni dwar il-prodott).

Għalkemm id-dejta pprovduta issuġġeriet li f'ħafna pazjenti, dawn l-effetti huma reversibbli wara t-twaqqif, hemm nuqqas ta' dejta affidabbli rigward l-estensjoni tal-effett ta' methylphenidate fuq il-pressjoni tad-demm u r-rata tat-taħbit tal-qalb u anki fuq l-effetti fit-tul jew fuq il-konsegwenzi kliniċi tas-sistema kardjovaskulari ta' dawn l-effetti.

2.1.b Dejta minn rapporti spontanji

Waqt il-proċedura, il-MAHs intalbu jissottomettu dejta minn rapporti spontanji. Id-dejta sottomessa dwar ir-riskju ta' disturbi kardjovaskulari kopriet firxa ta' perjodi ta' rappurtaġġ. Għalkemm ħafna rapporti seħħew fit-tfal u fl-adolesxenti, kien hemm numru akbar ta' rapporti milli kien mistenni fl-adulti (fejn l-età ġiet irrapportata) għat-termini kollha tal-episodji avversi ewlenin.

B'mod ġenerali, l-episodji kardjovaskulari rrapportati kienu b'mod prinċipali dawk ta' arritmiji kardijaċi (inkluż takikardija), pressjoni għolja, arresti kardijaċi, iskemija, prolongament tal-QT, b'xi rapporti ta' mewt f'daqqa. Fejn ġiet irrapportata indikazzjoni, b'mod l-aktar komuni din kienet ADHD, iżda kien hemm ukoll proporzjon sinifikanti ta' rapporti b'indikazzjonijiet oħra rrapportati.

Mid-dejta ippreżentata, ma kienx hemm mod konsistenti ta' dożaġġ jew ħin għall-bidu.

Ġie innutat sinjal ċar ta' sigurtà għall-fenomeni ta' Reynaud u l-opinjoni tal-CHMP hija li hemm biżżejjed evidenza mid-dejta riveduta biex tiġi suspettata relazzjoni kawżali bejn l-użu ta' methylphenidate u dawn ir-reazzjonijiet. Għalhekk, il-MAHs kollha huma meħtieġa jżidu l-fenomeni Raynaud mal-Informazzjoni dwar il-Prodott (PI) tagħhom għall-prodotti kollha li fihom methylphenidate.

2.1.c Dejta pre-klinika

Id-dejta pre-klinika dwar ir-riskju ta' disturbi kardjovaskulari sottomessa issuġġeriet li methylphenidate m'għandhiex effett fuq il-kanali tal-potassju li jirrettifikaw 'il ġewwa li jattivaw ruħhom malajr (li għandhom rwol importanti fl-eċċitabilità newronali u fir-rata tat-taħbit tal-qalb) jew fuq id-dewmien potenzjali tal-azzjoni. Madankollu, effett simpatetomimetiku fuq is-sistema kardjovaskulari kien ikkunsidrat plawsibbli. Barra minn hekk, kien hemm xi evidenza pre-klinika ta' effetti dirett ta' methylphenidate fuq l-istruttura tat-tessut kardijaku. Ir-reċensjonijiet tal-letteratura ippublikata u d-dejta epidemjoloġika waslu għall-istess konklużjoni.

2.1.d Ċjanożi

Ma kien hemm l-ebda evidenza minn dejta ta' prova pre-klinika jew klinika ta' riskju akbar ta' ċjanożi b'methylphenidate. Rapporti wara t-tqegħid fis-suq inkludew każijiet ta' ċjanożi ċentrali, periferali u mhux speċifikata. L-informazzjoni dwar il-prodott għal ħafna mill-prodotti li fihom methylphenidate fl-UE fiha twissijiet għall-użu f'pazjenti b'disturbi kardijaċi b'żewġ telenka ħafna mid-disturbi bi ċjanożi bħala ADRs possibbli f'sezzjoni 4.8. Il-kesħa periferali u l-fenomeni Raynaud huma wkoll elenkati bħala reazzjonijiet possibbli f'sezzjoni 4.8 ta' wħud mill-SPCs għal methylphenidate. Il-MAHs huma mitlubin jelenkaw dawn it-termini fil-PI għal dawk il-prodotti fejn l-informazzjoni hija nieqsa. Il-MAHs għandhom jimmonitorjaw mill-viċin rapporti ta' ċjanożi fi PSURs futuri, u għandhom jinkluduhom bħala termini għal sussegwiment immirat.

Bħala konklużjoni rigward ir-riskji kardjovaskulari, huwa aċċettat li hemm riskju potenzjali. Għal dik ir-raġuni, il-CHMP talab it-tisħiħ tal-Informazzjoni dwar il-Prodott fl-għoti ta' parir dwar l-

evalwazzjoni tal-pazjenti qabel it-trattament u fuq skrinjar u monitoraġġ kontinwu waqt it-trattamenti b'dawn il-prodotti (ara l-Anness III). Barra minn hekk, il-CHMP talab ukoll li fil-futur jittieħed approċċ konsistenti u strutturat għall-valutazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sigurtà fir-Rapporti Perjodiċi ta' Valutazzjoni tas-Sigurtà (PSURs) u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-istudji kontinwi li jiffukaw fuq din il-kwistjoni, ladarba jkunu disponibbli, jiġu sottomessi għall-valutazzjoni kif mitlub mill-CHMP (ara l-Anness IV).

2.2 Riskju Ċerebrovaskulari

Ma kien hemm ebda evidenza rrapportata minn studji pre-kliniċi fir-rigward ta' dan ir-riskju.

Ħafna episodji ċerebrovaskulari minn provi kliniċi kienu emigranja, b'rata ta' inċidenza ogħla fil-grupp trattat b'methylphenidate meta mqabbla mal-grupp tal-plaċebo. Ma ġie irrappurtat l-ebda avveniment ieħor relatat ma' disturbi ċerebrovaskulari fi tfal minn provi kliniċi.

Ir-reviżjoni tal-MAH tad-dejta spontanja ta' wara t-tqegħid fis-suq sabet li l-episodji ċerebrovaskulari minn rapporti spontanji kienu jikkonsistu l-aktar mit-termini rrapportati: aċċident ċerebrovaskulari, puplesija, infart ċerebrali u iskemija ċerebrali kif ukoll ftit rapporti ta' episodji oħra. Kien hemm każijiet mhux imħawda bl-ebda storja sottostanti ta' disturbi ċerebrovaskulari, rappurtaġġ ta' infart ċerebrali u okklużjoni tal-arterja ċerebrali; okklużjoni ċerebrali tal-lemin u episodju iskemiku ċerebrali. Id-dejta sottomessa issuġġeriet li l-episodji seħħew fi ħdan id-dożi rrakkomandati.

Finalment, kif mitlub mis-CHMP, is-sezzjonijiet rilevanti tal-Informazzjoni dwar il-Prodott huma emendati biex jarmonizzaw l-informazzjoni dwar is-sigurtà tar-riskju ċerebrovaskulari. Il-CHMP talab ukoll li fil-futur jittieħed approċċ konsistenti u strutturat għall-valutazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sigurtà fir-Rapporti Perjodiċi ta' Valutazzjoni tas-Sigurtà (PSURs) u fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-istudji kontinwi li jiffukaw fuq din il-kwistjoni, ladarba jkunu disponibbli, jiġu ppreżentati għall-valutazzjoni kif mitlub mill-CHMP (ara l-Anness IV).

2.3 Riskju Psikjatriku

L-episodji avversi psikjatriċi ta' interess partikolari rrapportati b'methylphenidate minn provi kliniċi inkludew l-aggressjoni, l-imġiba vjolenti, il-psikożi, il-manija, l-irritabilità u s-suwiċidalità. Fejn ipprovduta, l-informazzjoni dwar l-irtirar tal-mediċina ssuġġeriet li methylphenidate jista' jkollha rwol kawżattiv fl-iżvilupp ta' disturbi psikjatriċi serji.

Episodji psikjatriċi avversi ta' interess l-aktar irrappurtati minn rapporti spontanji kienu mġiba anormali, ħsibijiet anormali, rabja, ostilità, aggressjoni, aġitazzjoni, tikk, irritabilità, ansjetà, biki, depressjoni, ħedla tan-ngħas, ADHD aggravata, attività eċċessiva tal-psikomutur, disturb emozzjonali, rabja, nervożiżmu, disturb psikotiku, bidliet fil-burdata, ħsibijiet morbidi, disturb b'ossessjoni kompulsiva, bidla/disturb fil-personalità, irrekwitezza, stat konfużjonali, alluċinazzjonijiet, letarġija, paranoja u suwiċidalità.

Ir-reviżjoni tad-dejta pre-klinika fir-risposti turi li methylphenidate tikkawża bidliet fl-imġiba f'mudelli annimali, l-aktar bħala iperattività u imġiba sterjotipata.

Il-letteratura tissuġġerixxi wkoll li methylphenidate tista' tħarrax id-disturbi psikjatriċi f'pazjenti b'ADHD. Kienet innutata wkoll id-diffikultà fid-determinazzjoni tal-effetti ta' methylphenidate f'ħafna mill-istudji minħabba l-morbidità bejn ADHD u d-disturbi psikjatriċi.

Reviżjoni tad-dejta kollha disponibbli sabet li t-termini aktar speċifiċi "iffukar żejjed" u "imġiba ripetittiva" jirriflettu l-effetti osservati ta' methylphenidate u għandhom jiżdiedu bħala effetti avversi possibbli fl-Informazzjoni dwar il-Prodott. Barra minn hekk, ir-riżultati tal-istudju għaddej il-ħin kollu dwar is-suwiċidalità se jiġu sottomessi ladarba jkunu disponibbli u l-MAHs impenjaw ruħhom li jinvestigaw ir-riżultati psikjatriċi fi studju fit-tul.

2.4 Effetti fuq it-Tkabbir

Kien hemm xi evidenza minn studji pre-kliniċi li turi effett ta' methylphenidate fuq xi parametri tat-tkabbir, il-maturazzjoni sesswali u l-ormoni relatati kif ukoll fuq it-tossiċità tal-iżvilupp. Madankollu, dawn is-sejbiet ma kinux konsistenti mal-istudji riveduti kollha.

L-istudji kliniċi kompluti ippreżentaw firxa ta' konklużjonijiet dwar l-effetti ta' methylphenidate fuq it-tkabbir u l-maturazzjoni sesswali. Il-letteratura hija kunfliġġenti fir-rigward tal-effetti ta' methylphenidate fuq it-tkabbir u l-maturazzjoni sesswali. L-Istudji kontinwi fuq it-tkabbir, u fuq il-maturazzjoni sesswali għandhom jipprovdu dejta valida fuq daww ir-riskji possibbli.

B'mod ġenerali, jista' jiġi konkluż li l-mekkaniżmu kawżali eżatt għall-effetti ta' methylphenidate fuq it-tkabbir jibqa' wieħed dubjuż. Il-PI għall-prodotti kollha li fihom methylphenidate għandhom twissijiet relatati ma' dan il-punt f'sezzjoni 4.4 tal-SPC. It-test kien differenti fost l-MAHs, iżda r-rakkomandazzjoni tal-valutazzjoni tal-linja bażi u l-monitoraġġ tat-tkabbir kien komuni għal ħafna mill-prodotti.

Għalhekk is-CHMP qabel li biex jiġi assigurat li kull effett fuq it-tkabbir ikun minimizzat, fl-SPC u l-PL għandhom jiġu implimentati twissijiet imtejba u armonizzati, linji gwida dwar il-monitoraġġ (frekwenza ta' monitoraġġ, metodu ta' kejl) u azzjonijiet li jridu jittieħdu. Barra minn hekk is-CHMP talab li jsiru studji ġodda dwar l-effetti fit-tul fuq l-iżvilupp. Il-MAHs impenjaw ruħhom għal dan.

2.5 Lewkimja

Sejbiet reċenti minn studju tal-kontroll tal-każ indikaw riskju potenzjalment akbar ta' lewkimja limfoċitika b'methylphenidate, li l-MAHs kienu meħtieġa li jevalwaw aktar. Il-MAHs issottomettew dejta li ssostni l-pożizzjoni li m'hemm l-ebda evidenza preklinika jew klinika għal riskju karċinoġeniku sinifikanti assoċjat ma' methylphenidate. Methylphenidate jista' jkollha xi attività bħala karċinoġenu mhux ġenotossiku fil-fwied tal-ġrieden, madankollu, l-analiżi limitata fuq il-bniedem ma tissuġġerix li din l-attività hija riprodotta fi bnedmin esposti għad-dożi terapewtiċi.

Ir-reviżjoni retrospettiva ippubblikata reċentement tal-kontroll tal-każijiet ta' rekords ta' preskrizzjoni għal aktar minn 35,000 pazjent la indikat assoċjazzjoni moderata u lanqas qawwija bejn l-użu ta' methylphenidate u r-riskju tal-kanċer fit-tfal għal xi wieħed mit-18-il sit ta' kanċer definit. Dan l-istudju uniku iqajjem sinjal potenzjali ta' riskju ta' lewkimja bl-użu ta' methylphenidate, minkejja l-limitazzjonijiet tas-sejbiet, kif diskussi mill-awturi u l-MAHs. Studju għaddej bħalissa dwar iċ-ċitogeniċità jista' jagħti xi risposti meta jkun iffinalizzat. Il-MAHs se jissottomettu r-risultati tal-valutazzjoni meta dawn ikunu disponibbli. Is-CHMP ikkonkluda li l-inizjattivi attwali biex jiġi evalwat aktar xi riskju ta' karċinoġeniċità b'methylphenidate huma awtorizzati.

2.6 Effetti tat-trattament fit-tul

Ġiet sottomessa xi evidenza pre-klinika li tissuġġerixxi li hemm effett differenzjali ta' trattament akut meta mqabbel ma' trattament kroniku b'methylphenidate wara l-espressjoni tal-ġeni involuti fil-plastiċità newronali, effett differenzjali ta' espożizzjoni għal methylphenidate fiż-żgħażaġħ meta mqabbel ma' dak fl-adulti wara l-espressjoni tar-reċetturi newrotrażmettituri u effett tat-trattament fl-adoloxxenza wara s-sopravvivenza taċ-ċelloli l-ġodda tal-moħħ.

Barra l-kwistjoni tat-tkabbir, hemm nuqqas ta' dejta klinika jew farmakoepidemjoloġika adegwata dwar l-effetti tat-trattament fit-tul b'methylphenidate fl-UE, fir-rigward tar-riskji kardjovaskulari, ċerebrovaskulari, psikjatriċi, karċinoġeniċi jew xi riskji oħrajn fit-tul.

Huwa aċċettat b'mod komuni (mir-reċensjoni tal-letteratura) li ma ngħatatx prova b'mod konklussiv tas-sigurtà u l-effikaċja fit-tul ta' methylphenidate fi studji mfasslin u mmexxija b'mod xieraq.

Il-MAHs impenjaw ruħhom li jinvestigaw il-vijabilità ta' studju fit-tul dwar l-iżvilupp tat-tfal u li jipprovdu protokoll ta' studju, kif mitlub mill-CHMP.

2.7 Użu/użu ħażin/żvijar mingħajr tikketta

Ir-riskji sinifikanti tal-użu, l-użu ħażin u l-iżvijar mingħajr tikketta kienu identifikati mid-dejta sottomessa. Reviżjonijiet kumulattivi wrew li proporzjon kbir tal-każijiet wara t-tqegħid fis-suq analizzati intużaw f'indikazzjonijiet mhux relatati ma' ADHD. Uħud minn dawn kienu kundizzjonijiet li fihom, l-użu ta' methylphenidate għandu twissija kontra jew huwa kontraindikata.

Methylphenidate mhix indikata għall-użu f'pazjenti li jistgħu juru xi sintomi ta' ADHD li madankollu ma kinux iddijanostikati formalment. Għalhekk huwa neċessarju t-tisħiħ tal-Infurmazzjoni dwar il-Prodott u l-għoti ta' gwida dwar l-użu korrett lil min jagħti l-mediċina b'riċetta. Il-MAHs impenjaw ruħhom li jqassmu materjal edukattiv għall-gwida għal min jagħti l-mediċina b'riċetta. Barra minn hekk, il-MAHs impenjaw ruħhom li jagħmlu studji dwar l-użu tal-mediċina (DUS) fl-SM tal-UE kollha biex jinvestigaw il-livell ta' użu ħażin, kif mitlub mis-CHMP.

2.8 Tqala u treddigħ

Is-sigurtà tal-użu ta' prodotti li fihom methylphenidate waqt it-tqala u t-treddigħ ġiet evalwata mill-CHMP u diskussa aktar mill-Parti ta' Ħidma għas-Sigurtà (SWP) f'Diċembru 2008. B'mod ġenerali m'hemm l-ebda sinjal ta' teratoġeniċità fl-annimali. L-SPC ġie aġġornat bix-xieraq.

3. Diskussjoni Globali dwar is-Sigurtà u Konklużjoni

Din il-valutazzjoni xjentifika dwar methylphenidate għamlet reviżjoni tad-dejta dwar is-sigurtà disponibbli minn provi kliniċi, studji prekliniċi, rapporti spontanji u letteratura ippubblikata.

L-għan ewlieni kien ir-riskju kardjovaskulari tal-prodott għat-tfal, madankollu, barra minn hekk, ġew evalwati wkoll riskji oħrajn; ir-riskju ċerebrovaskulari, l-effett fuq it-tkabbir u t-trattament fit-tul, ir-riskju psikjatriku u riskju potenzjali ta' lewkimja.

Wara d-diskussjonijiet fil-CHMP, sar qbil li d-dejta tal-użu fit-tul xorta hija meħtieġa fuq effett potenzjali ta' methylphenidate fuq episodji kardjovaskulari u ċerebrovaskulari. Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar dejta biex jiġi evalwat ir-riżultat psikjatriku kif ukoll l-effett fuq it-tkabbir u l-iżvilupp tat-tfal. Għalhekk hemm il-ħtieġa biex din l-infurmazzjoni tkun ċara għal min jagħti l-mediċina b'riċetta u għall-pubbliku billi tissaħħaħ il-formolazzjoni tal-Infurmazzjoni dwar il-Prodott tal-prodotti. Barra minn hekk, bħalissa hemm għaddejjin studji kliniċi li jinvestigaw dawn il-kwistjonijiet u r-rapporti finali se jiġu sottomessi lill-awtoritajiet regolatorji. Barra minn hekk, il-MAHs impenjaw ruħhom li jinvestigaw l-effett fit-tul fuq l-iżvilupp tat-tfal. Studji li għaddejjin fuq il-maturazzjoni sesswali se jipprovdu wkoll dejta ġdida f'dan l-aspett.

F'termini ta' suwiċidalità, il-MAHs impenjaw ruħhom li jagħmlu użu mill-ġarfien attwali u li jagħmlu meta-analiżi dwar ir-riżultati disponibbli minn studji kliniċi differenti.

Barra minn hekk, jridu jkunu fis-seħħ miżuri għat-tnaqqis tar-riskju biex kontinwament jiġi identifikati u evalwati riskji potenzjali. Il-MAHs impenjaw ruħhom għal dan.

Il-konklużjonijiet ta' din il-valutazzjoni wasslu għal proposta tal-CHMP fuq it-tisħiħ u l-armonizzar tal-Infurmazzjoni dwar il-Prodott rispettiva tal-prodotti bl-inklużjoni tal-monitoraġġ qabel u wara t-trattament, l-aġġornament tas-sezzjonijiet tal-SPC relatati mal-kontraindikazzjonijiet u t-twissijiet, l-armonizzazzjoni tal-infurmazzjoni dwar reazzjonijiet avversi, il-kontroll tal-pożoloġija u l-użu, l-aġġornament tal-infurmazzjoni dwar l-użu waqt it-tqala u t-treddigħ.

L-aġġornament propost għall-SPC kien rifless fil-PL. Il-PL se jiġi ttestjat għal kemm jinqara tajjeb mill-Utenti u r-riżultati se jridu jiġu sottomessi lill-Awtoritajiet regolatorji.

Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni tas-sottomissjoni tal-PSURs u l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tar-Riskju (RMP) mill-MAHs se jassiguraw li l-infurmazzjoni dwar is-sigurtà tiġi vvalutata fl-istess ħin mill-Istati Membri permezz tal-PhVWP u tiġi assicurata l-kontinwità tal-armonizzazzjoni.

4. Benefiċċju/riskju

Waqf li ikkunsidra dwan l-elementi kollha, il-CHMP ikkonkluda li l-proporzjon tal-benefiċċju/riskju għall-prodotti li fihom methylphenidate fit-trattament tal-ADHD fit-tfal li għandhom sitt snin jew aktar, huwa meqjus wieħed favorevoli u irrakkomanda ż-żamma tal-Awtrozzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq skont l-emendi tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, u l-Fuljett ta' Tagħrif (stabbilit f'Anness III) għall-prodotti mediċinali msemmija fl-Anness I.

RAĠUNIJIET GĦALL-EMENDA TAS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT, IT-TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

Billi

- Il-Kumitat ikkunsidra r-riferiment magħmul skont l-Artikolu 31 tad-Direttiva 2001/83/KE, kif emendata, għall-prodotti mediċinali li fihom methylphenidate mibdi mill-Kummissjoni Ewropea.
- Il-Kumitat ikkunsidra d-dejta kollha disponibbli sottomessa dwar is-sigurtà tal-prodotti li fihom methylphenidate.
- Il-Kumitat ikkunsidra l-bilanċ tal-benefiċċju/riskju tal-prodotti mediċinali li fihom methylphenidate fit-trattament ta' ADHD fi tfal li għandhom 6 snin u aktar u f'adolesxenti fl-UE. Dan inkluda valutazzjoni fuq l-impatt tar-riskji ta' disturbi kardjovaskulari, ċerebrovaskulari u psikjatriċi fuq il-bilanċ tal-benefiċċju/riskju. Ir-riskju ta' karċinoġeniċità, l-effetti fuq it-tkabbir u l-effetti fuq it-trattament fit-tul ġew evalwati wkoll.
- Il-CHMP ikkonkluda li l-Infurmazzjoni dwar il-Prodott tal-prodotti kollha li fihom methylphenidate għandha tinkludi l-istess infurmazzjoni dwar is-sigurtà u għalhekk irrakkomanda l-armonizzazzjoni tas-sezzjonijiet rilevanti tas-Sommarji tal-Karatteristiċi tal-Prodott u l-Fuljetti ta' Tagħrif. Barra minn hekk, il-Pjanijiet għall-Ġestjoni tar-Riskju ta' dawn il-prodotti għandhom jiġu armonizzati wkoll.

Bħala konsegwenza, il-CHMP irrakkomanda ż-żamma tal-Awtorizzazzjonijiet għat-Tqegħid fis-Suq għall-prodotti mediċinali msemmija fl-Anness I, li l-emendi għas-sezzjonijiet rilevanti tas-Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott u l-Fuljett ta' Tagħrif tagħhom huma stabbiliti fl-Anness III.

ANNESS III

TIBDIL FIS-SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT U FULJETTI TA' TAGĦRIF

SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT

4. TAGĦRIF KLINIKU

4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Disturb ta' nuqqas ta' attenzjoni/Attività eċċessiva (ADHD)

Methylphenidate huwa indikat bħala parti minn programm ta' kura komprensiva għad-disturb ta' nuqqas ta' attenzjoni/attività eċċessiva (ADHD) fi tfal b'età minn 6 snin 'l fuq meta miżuri ta' rimedju waħedhom ma kienux biżżejjed. Il-kura għandha ssir taħt is-superviżjoni ta' speċjalist fid-disturbi ta' l-imġieba fit-tfal. Id-dijanjsi għandha ssir skond il-kriterja DSM-IV jew il-linji gwida f'ICD-10 u għandha tkun ibbażata fuq l-istorja kompleta u l-valutazzjoni tal-pazjent. Id-dijanjsi ma tistax issir biss fuq il-preżenza ta' sintomu wieħed jew aktar.

Il-kawża speċifika ta' din is-sindrome mhux magħrufa u m'hemmx test dijanjostiku wieħed. Dijanjsi xierqa teħtieġ l-użu ta' riżorsi mediċi u ta' riżorsi speċjalizzati psikoloġiċi, edukattivi u soċjali.

Programm komprensiv ta' kura tipikament jinkludi miżuri psikoloġiċi, edukattivi u soċjali kif ukoll farmakoterapija u huwa immirat biex jistabbilizza tfal b'sindrome ta' l-imġieba ikkaratterizzata minn sintomi li jistgħu jinkludu storja kronika ta' perijodu ta' attenzjoni qasir, aljenazzjoni, nuqqas ta' stabbiltà emozzjonali, impulsività, attività eċċessiva moderata sa severa, sinjali newroloġiċi hġief u EEG mhux normali. It-tagħlim jista' jkun imnaqqas jew le.

Kura b'methylphenidate mhux indikata għat-tfal kollha b'ADHD u d-deċiżjoni li tintuża l-mediċina għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni b'reqqa' kbira tas-severità u l-kroniċità tas-sintomi tat-tifel/tifla f'relazzjoni ma' l-età.

Allokkazzjoni edukattiva xierqa hija essenzjali u ġeneralment huwa neċessarju intervent psikosoċjali. Fejn miżuri ta' rimedju waħedhom ma jkunux biżżejjed, id-deċiżjoni li tiġi preskritta sustanza stimulanti għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni b'reqqa' tas-severità tas-sintomi tat-tifel/tifla. L-użu ta' methylphenidate għandha dejjem issir b'dan il-mod skond l-indikazzjoni liċenzjata u skond il-linji gwida ta' preskrizzjoni / dijanjsi.

4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Il-kura għandha tinbeda taħt is-superviżjoni ta' speċjalist fid-disturbi ta' l-imġieba fit-tfal u/jew adoloxxenti.

Eżaminazzjoni qabel il-kura

Qabel jiġi preskritt, huwa neċessarju li ssir valutazzjoni ta' l-istat kardjovaskulari tal-pazjent fil-linja bażi inkluż il-pressjoni tad-demm u r-rata tal-qalb. Storja komprensiva għandha tiddokumenta mediċini li qed jingħataw fl-istess waqt, disturbi jew sintomi mediċi u psikjatriċi ko-morbużi fil-passat jew attwali, storja tal-familja ta' mewt kardjaku/mhux spjegat f'daqqa, u dokumentazzjoni preċiża tat-tul u tal-piż qabel il-kura fuq tabella ta' l-iżvilupp (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4).

Sorveljanza Kontinwa

L-istat ta' l-iżvilupp, psikjatrija u kardjovaskulari għandhom jiġu sorveljati kontinwament (ara wkoll sezzjoni 4.4).

- Il-pressjoni tad-demm u l-polz għandhom jiġu dokumentati fuq tabella ċentili ma' kull aġġustament fid-doża u wara ta' l-inqas kull 6 xhur;
- It-tul, il-piż u l-aptit għandhom jiġu dokumentati ta' l-inqas kull 6 xhur b'żamma ta' tabella ta' l-iżvilupp;
- Żvilupp ta' disturbi psikjatriċi ġodda jew aggravar ta' dawk eżistenti għandhom jiġu sorveljati ma' kull aġġustament fid-doża, u wara ta' l-inqas kull 6 xhur u f'kull vista.

Il-pazjenti għandhom jiġu sorveljati għar-riskju ta' devjazzjoni, użu ħażin u abbuż ta' methylphenidate.

Titrazzjoni tad-doża

Fil-bidu tal-kura b'methylphenidate hija meħtieġa titrazzjoni b'attenzjoni tad-doża. Titrazzjoni tad-doża għandha tinbeda bl-inqas doża possibbli.

Għandu mnejn ikunu disponibbli qawwiet oħra ta' dan il-prodott mediċinali u prodotti oħra li fihom methylphenidate.

Id-dożaġġ massimu ta' kuljum ta' methylphenidate huwa [biex timtela mill-pajjiż partikolari].

[Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq għandu jiddeskrivi il-konverżjoni tad-doża (minn formulazzjoni għall-oħra) u l-passi ta' titrazzjoni tad-doża li huma rilevanti għall-formulazzjoni u l-qawwa tal-prodott ta' methylphenidate tagħhom, f'kull Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott ta' methylphenidate fl-EU]

Użu fit-tul (aktar minn 12-il xahar) fit-tfal u l-adoloxxenti

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' użu fit-tul ta' methylphenidate ma kienux evalwati sistematikament fi provi kkontrollati. Kura b'methylphenidate m'għandhiex u ma tinħtieġx tkun għal dejjem. Kura b'methylphenidate normalment titwaqqaf waqt jew wara l-pubertà. It-tabib li jagħżel li juża methylphenidate għal perijodi mtawwla (aktar minn 12-il xahar) fi tfal u adoloxxenti b'ADHD, kull tant żmien għandu jivvaluta mill-ġdid l-utilità tal-mediċina fit-tul għall-pazjent individwali b'perijodi ta' prova mingħajr il-mediċina biex tiġi stmata il-funzjoni tal-pazjent mingħajr farmakoterapija. Huwa rrakkomandat li methylphenidate jiġi mwaqqaf mill-inqas darba fis-sena biex tiġi stmata il-kundizzjoni tat-tifel/tifla (preferibbilment waqt il-vaganzi ta' l-iskola). It-titjib jista' jiġi sostenut meta l-mediċina titwaqqaf temporanjament jew għal kollox.

Tnaqqis u waqfien tad-doża

Il-kura għandha titwaqqaf jekk ma jkunx hemm titjib fis-sintomi wara aġġustament xieraq fid-dożaġġ fuq perijodu ta' xahar. Jekk iseħħ aggravar paradossali tas-sintomi jew ta' avvenimenti avversi serji oħra, id-dożaġġ għandu jitnaqqas jew jitwaqqaf.

Aduti

Methylphenidate mhux liċenzjat għall-użu f'adulti b'ADHD. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

Anzjani

Methylphenidate mhux irrakkomandat għall-użu fl-anzjani. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

Tfal taht is-6 snin

Methylphenidate mhux irrakkomandat għall-użu fi tfal taħt 6 snin. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

4.3 Kontra-indikazzjonijiet

- Sensittività eċċessiva għal methylphenidate jew għal xi sustanzi mhux attivi
- Glawkoma
- Feokromoċitoma
- Waqt kura b'inibituri mhux selettivi u irriversibbli ta' monoamine oxidase (MAO), jew fi żmien minimu ta' 14-il ġurnata wara l-waqfien ta' dawn il-mediċini, minħabba riskju ta' kriżi ipertensiva (ara sezzjoni 4.5)
- Ipertirojdiżmu jew tirotoossikozi
- Dijanjosi jew storja ta' depressjoni severa, anoressija nervoża/disturbi anoressiċi, tendenzi ta' suwiċidju, sintomi psikotiċi, disturbi severi fil-burdata, manija, skizofrenja jew disturb psikopatiku/personalità mhux definita
- Dijanjożi jew passat ta' disturb Bipolari (affettiv) sever u episodiku (Tip 1) li mhux ikkontrollat tajjeb
- Disturbi kardjovaskulari eżistenti minn qabel, inkluż pressjoni għolja severa, insuffiċjenza tal-qalb, marda okklużiva tal-arterji, angina, marda konġenitali tal-qalb emodinamikament sinifikanti, kardjomijopatiġi, infart mijokardijaku, aritmija b'potenzjal ta' periklu għall-ħajja, u kanalopatiġi (disturbi kkawżati mill-funzjoni ħażina tal-kanali tal-jonji).
- Disturbi ċerebrovaskulari eżistenti minn qabel, aneurizma ċerebrali, anormalitajiet vaskulari inkluż vaskulite jew puplesija.

4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu

Kura b' methylphenidate mhux indikata għat-tfal kollha b'ADHD u d-deċiżjoni biex tintuża l-mediċina għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni b'reqqa kbira tas-severità u l-kroniċità tas-sintomi tat-tifel/tifla f'relazzjoni ma' l-età tat-tifel/tifla.

Użu fit-tul (aktar minn 12-il xahar) fit-tfal u l-adoloxxenti

Is-sigurtà u l-effikaċja ta' l-użu fit-tul ta' methylphenidate ma kienux evalwati sistematikament fi provi kkontrollati. Kura b' methylphenidate m'għandhiex u ma tinhtiegħ tkun għal dejjem. Kura

b'methylphenidate normalment titwaqqaf waqt jew wara l-pubertà. Pazjenti fuq terapija fit-tul (i.e. aktar minn 12-il xahar) għandu jkollhom sorveljanza kontinwa b'attenzjoni skond il-gwida f'sezzjonijiet 4.2 u 4.4. għall-istat kardjovaskulari, tkabbir, aptit, żvilupp ġdid jew aggravar ta' disturbi psikjatriċi eżistenti minn qabel. Disturbi psikjatriċi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti isfel, u jinkludu (iżda mhux limitat għal) kontrazzjonijiet involontarji motorji u vokali, mġieba aggressiva jew ostili, aġitazzjoni, ansjetà, depressjoni, psikożi, maniġa, delużjonijiet, irritabilità, nuqqas ta' spontanjetà, għeluq fih/a innifsu/ħa u perseveranza eċċessiva.

It-tabib li jagħżel li juża methylphenidate għal perijodi mtawwla (aktar minn 12-il xahar) fi tfal u adoloxxenti b'ADHD, kull tant żmien għandu jivvaluta mill-ġdid l-utilità tal-mediċina fit-tul għall-pazjent individwali b'perijodi ta' prova mingħajr il-mediċina biex tiġi stmata il-funzjoni tal-pazjent mingħajr farmakoterapija. Huwa rrakkomandat li methylphenidate jiġi mwaqqaf mill-inqas darba fis-sena biex tiġi stmata il-kundizzjoni tat-tifel/tifla (preferibilmment waqt il-vaganzi ta' l-iskola). It-titjib jista' jiġi sostenut meta l-mediċina titwaqqaf temporanjament jew għal kollox.

Użu fl-adulti

Methylphenidate mhux liċenzjat għall-użu f'adulti b'ADHD. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

Użu fl-anzjani

Methylphenidate m'għandux jintuża fl-anzjani. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

Użu fit-tfal taħt l-età ta' 6 snin

Methylphenidate m'għandux jintuża fi tfal taħt 6 snin. Is-sigurtà u l-effikaċja ma ġewx stabbiliti f'dan il-grupp ta' età.

Stat kardjovaskulari

Pazjenti li qed jiġu kkunsidrati għall-kura b'mediċini stimulanti għandha titteħdilhom storja medika dettaljata (inkluż valutazzjoni għall-okkorrenza fil-familja ta' mewt f'daqqa jew aritmija malinna) u għandu jsir ilhom eżami fiżiku għal valutazzjoni tal-preżenza ta' mard tal-qalb, u jekk is-sejbiet tal-bidu jissuġġerixxu mard bħal dan, għandhom jirċievu aktar valutazzjoni kardijaka. Pazjenti li jiżviluppaw sintomi bħal palpitazzjonijiet, uġiġħ fis-sider ikkawżat minn sforz, sinkope mhux spjegata, jew sintomi oħra li jissuġġerixxu mard tal-qalb waqt kura b'methylphenidate għandha ssir ilhom valutazzjoni tal-qalb minnufih.

Analiżi ta' tagħrif minn provi kliniċi ta' methylphenidate fi tfal u adoloxxenti b'tagħrif ta' ADHD uriet li proporzjon akbar ta' individwi li tpoġġew fuq methylphenidate kellhom esperjenza ta' żjieda mil-linja bażi fil-pressjoni sistolika u diastolika tad-demmm ta' aktar minn 10 mmHg relattiv għal plaċebo. Il-konsegwenzi kliniċi fi żmien qasir u fit-tul ta' dawn l-effetti kardjovaskulari fit-tfal u l-adoloxxenti mhux magħrufa, iżda l-possibbiltà ta' kumplikazzjonijiet kliniċi ma tistax tiġi eskluża bħala riżultat ta' l-effetti osservati fit-tagħrif mill-provi kliniċi. **Attenzjoni hija indikata fil-kura ta' pazjenti li l-kundizzjonijiet mediċi li diġa għandhom jistgħu jkunu kompromessi b'żjiediet fil-pressjoni tad-demmm jew ir-rata tal-qalb.** Ara sezzjoni 4.3 għall-kundizzjonijiet fejn kura b'methylphenidate hija kontra-indikata.

L-istat kardjovaskulari għandu jiġi sorveljat b'mod kontinwu. Il-pressjoni tad-demmm u l-polz għandhom jiġu dokumentati fuq tabella ċentilli ma' kull aġġustament fid-doża u wara dan kif meħtieġ klinikament.

L-użu ta' methylphenidate huwa kontra-indikat f'ċertu disturbi kardjovaskulari eżistenti minn qabel **sakemm ma jinkisibx parir kardijaku pedjatriku minn speċjalist (ara Sezzjoni 4.3).**

Mewt f'daqqa u anormalitajiet strutturali tal-qalb eżistenti minn qabel jew disturbi kardjaċi severi oħra

Kien irrapportat mewt f'daqqa f'assoċjazzjoni ma' l-użu ta' stimulant tas-sistema nervuża ċentrali b'dożi tas-soltu fi tfal li wħud minnhom kellhom anormalitajiet strutturali tal-qalb jew problemi serji oħra tal-qalb. Għalkemm xi problemi serji tal-qalb waħedhom jistgħu jgħibu magħhom żjieda fir-riskju ta' mewt f'daqqa, prodotti stimulant mhux irrakkomandati fi tfal u adoloxxenti b'anormalitajiet strutturali magħrufa tal-qalb, kardjomijopatiya, anormalitajiet serji fir-ritmu tal-qalb jew problemi serji oħra fil-qalb li jistgħu jpoġġuhom f'vulnerabbiltà miżjuda għall-effetti simpatomimetiċi tal-mediċina stimulant.

Użu ħażin u Avvenimenti Kardjovaskulari

Użu ħażin ta' stimulant tas-sistema nervuża ċentrali jista' jkun assoċjati ma' mewt f'daqqa u ma' avvenimenti avversi kardjovaskulari serji oħra.

Disturbi ċerebrovaskulari

Ara sezzjoni 4.3 għall-kundizzjonijiet ċerebrovaskulari fejn kura b'methylphenidate hija kontra-indikata. Wara l-bidu tal-kura b'methylphenidate, pazjenti b'fatturi ta' riskju oħra (bħal storja ta' mard kardjovaskulari, mediċini fl-istess waqt li jgħollu l-pressjoni) għandhom jiġu evalwati f'kull vista għal sinjali u sintomi newroloġiċi.

Vaskulite ċerebrali tidher li hija reazzjoni idjosinkratika rari ħafna għall-esponiment għal methylphenidate. Hemm ftit evidenza biex tissuġġerixxi li pazjenti li għandhom riskju akbar jistgħu jiġu identifikati u d-dehra inizjali ta' sintomi tista' tkun l-ewwel indikazzjoni ta' problema klinika eżistenti minn qabel. Dijanjosi bikrija ibbażata fuq indiċi għoli ta' suspett tista' tippermetti l-waqfien immedjat ta' methylphenidate u kura bikrija. Għalhekk, waqt terapija b'methylphenidate, id-dijanjosi għandha tiġi kkunsidrata f'kull pazjent li jiżviluppa sintomi newroloġiċi ġodda li huma konsistenti ma' iskemija ċerebrali. Dawn is-sintomi jistgħu jinkludu uġigħ ta' ras severa, tnmnim, debbulizza, paraliżi, u indeboliment fil-koordinazzjoni, vista, kliem, lingwa jew memorja.

Kura b'methylphenidate mhux kontra-indikata f'pazjenti b'paralisi emipleġika ċerebrali

Disturbi psikjatriċi

Ko-morbożità ta' disturbi psikjatriċi f'ADHD hija komuni u għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni meta jiġu preskritti prodotti stimulant. F'każ ta' sintomi psikjatriċi ġodda jew aggravar ta' disturb psikjatriku eżistenti minn qabel, methylphenidate m'għandux jingħata jekk il-benefiċċji ma jkunx aktar mir-riskji għall-pazjent.

Żvilupp jew aggravar ta' disturbi psikjatriċi għandhom jiġu sorveljati ma' kull aġġustament fid-doża, u wara, ta' l-inqas kull 6 xhur u f'kull vista; għandu mnejn tkun xierqa waqfien tal-kura.

Aggravar ta' sintomi Psikotiċi jew manijaċi eżistenti minn qabel

F'pazjenti psikotiċi, l-għoti ta' methylphenidate jista' jaggrava s-sintomi ta' disturbi fl-imġieba u disturb fil-ħsieb.

Dehra ta' sintomi psikotiċi jew manijaċi ġodda

Sintomi psikotiċi (alluċinazzjonijiet u delużjonijiet viżivi/tas-sens tal-mess/tas-smigħ) jew manija li deheru mal-kura fi tfal u adoloxxenti mingħajr storja minn qabel ta' mard psikotiku jew manija jistgħu jkunu kkawżati minn methylphenidate b'dożi tas-soltu. Jekk iseħħu sintomi manijaċi jew psikotiċi, għandha tingħata konsiderazzjoni għall-possibbiltà ta' rwol kawżali ta' methylphenidate, u għandu mnejn ikun xieraq waqfien tal-kura.

Aggressjoni jew imġieba ostili

Id-dehra jew l-aggravar ta' aggressjoni jew ostilità jistgħu jkunu kkawżati minn kura b'stimulant. Pazjenti kkurati b'methylphenidate għandhom jiġu sorveljati mill-viċin għad-dehra jew aggravar ta' mġieba aggressiva jew ostilità fil-bidu tal-kura, ma' kull aġġustament tad-doża u wara ta' l-inqas kull 6 xhur, u f'kull vista. It-tobba għandhom jevalwaw il-bżonn ta' aġġustament tal-programm ta' kura f'pazjenti li jkollhom esperjenza ta' bidliet fl-imġieba.

Tendenza ta' suwiċidju

Pazjenti b'dehra għall-ewwel darba ta' ħsieb u mġieba ta' suwiċidju waqt kura għal ADHD għandhom jiġu evalwati immedjatament mit-tabib tagħhom. Għandha tingħata konsiderazzjoni għall-aggravar ta' kundizzjoni psikjatrika eżistenti minn qabel u għall-possibbiltà ta' rwol kawżali ta' kura b'methylphenidate. Għandu mnejn tkun neċessarja kura ta' kundizzjoni psikjatrika eżistenti minn qabel u għandha tingħata konsiderazzjoni għall-possibbiltà li jitwaqqaf methylphenidate.

Kontrazzjonijiet involontarji

Methylphenidate huwa assoċjat mal-bidu jew l-aggravar ta' kontrazzjonijiet involontarji motorji u verbali. Kien irrapportat ukoll aggravar tas-sindrome ta' Tourette. Għandha tiġi evalwata l-istorja tal-familja u valutazzjoni klinika għal kontrazzjonijiet involontarji jew sindrome ta' Tourette fit-tfal għandha tippreċedi l-użu ta' methylphenidate. Waqt kura b'methylphenidate, l-pazjenti għandhom jiġu sorveljati b'mod regolari għall-bidu jew l-aggravar ta' kontrazzjonijiet involontarji. **Is-sorveljanza għandha ssir ma' kull aġġustament tad-doża u wara ta' l-inqas kull 6 xhur jew f'kull vista.**

Ansjetà, aġitazzjoni jew tensjoni

Methylphenidate huwa assoċjat ma' l-aggravar ta' ansjetà, aġitazzjoni jew tensjoni eżistenti minn qabel. Valutazzjoni klinika għall-ansjetà, aġitazzjoni jew tensjoni għandha tippreċedi l-użu ta' methylphenidate u l-pazjenti għandhom jiġu **sorveljati regolarment għall-bidu jew l-aggravar ta' dawn is-sintomi waqt il-kura, ma' kull aġġustament tad-doża u wara ta' l-inqas kull 6 xhur jew f'kull vista.**

Forom ta' disturb bipolari

Għandha tittieħed attenzjoni partikolari fl-użu ta' stimulant għall-kura ta' ADHD f'pazjenti b'disturb bipolari ko-morbuż (inkluż Disturb Bipolari tat-Tip I mhux ikkurat jew forom oħra ta' disturbi bipolari) minħabba l-biża' ta' possibbiltà ta' preċipitazzjoni ta' episodju mħallat/manijaku f'pazjenti bħal dawn. Qabel il-bidu tal-kura b'methylphenidate, pazjenti b'sintomi depressivi ko-morbużi għandhom jiġu evalwati kif jixraq sabiex jiġi determinat jekk humiex f'riskju ta' disturb bipolari; valutazzjoni bħal din għandha tinkludi storja psikjatrika dettaljata, inkluż storja fil-familja ta' suwiċidju, disturb bipolari, u depressjoni. **Sorveljanza kontinwa mill-viċin hija essenzjali f'dawn il-pazjenti (ara fuq 'Disturbi Psikjatriċi' u sezzjoni 4.2). Il-pazjenti għandhom jiġu sorveljati għal sintomi ma' kull aġġustament tad-doża, u wara ta' l-inqas kull 6 xhur u f'kull vista.**

Żvilupp

Żjieda fil-piż moderatament imnaqqsa u ttardjar fit-tkabbir kienu irrapportati bl-użu fit-tul ta' methylphenidate fit-tfal.

L-effetti ta' methylphenidate fuq it-tul finali u l-piż finali bħalissa mhux magħrufa u qed jiġu studjati.

Waqt kura b'methylphenidate, l-iżvilupp għandu jiġi sorveljat: it-tul, il-piż u l-aptit għandhom jiġu dokumentati ta' l-inqas kull 6 xhur b'żamma ta' tabella ta' l-iżvilupp. Pazjenti li mhux qed jikbru jew jiżdiedu fit-tul jew fil-piż kif mistenni jista' jkollhom bżonn interruzzjoni tal-kura.

Aċċessjonijiet

Methylphenidate għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti bl-epilessija. Methylphenidate jista' jibaxxi il-limitu konvulsiv f'pazjent bi storja minn qabel ta' aċċessjonijiet, f'pazjenti b'anormalitajiet minn qabel fl-EEG b'nuqqas ta' aċċessjonijiet, u rarament f'pazjenti mingħajr storja ta' konvulżjonijiet u bl-ebda anormalità fl-EEG. Jekk il-frekwenza ta' l-aċċessjonijiet tiżdied jew iseħħu aċċessjonijiet ġodda, methylphenidate għandu jitwaqqaf.

Abbuż, użu ħażin u devjazzjoni

Il-pazjenti għandhom jiġu sorveljati b'attenzjoni għal riskju ta' devjazzjoni, użu ħażin u abbuż ta' methylphenidate

Methylphenidate għandu jintuża b'attenzjoni f'pazjenti magħruf li għandhom dipendenza fuq id-droga jew l-alkoħol minħabba l-potenzjal ta' abbuż, użu ħażin jew devjazzjoni.

Abbuż kroniku ta' methylphenidate jista' jwassal għal tolleranza qawwija u dipendenza psikoloġika bi gradi differenti ta' mgħieba mhux normali. Jistgħu jseħħu episodji psikotiċi ċari, speċjalment bħala rispons għall-abbuż parenterali.

L-età tal-pazjent, il-preżenza ta' fatturi ta' riskju għad-disturb ta' l-użu tas-sustanza (bħal disturb komorbuż ta' oppożizzjoni-ribell jew ta' kondotta u disturb bipolari), abbuż tas-sustanza minn qabel jew fil-preżent kollha għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta wieħed jiddeċiedi dwar programm ta' kura għal ADHD. Kawtela hija rrakkomandata f'pazjenti li emozzjonalment mhux stabbli, bħal dawk bi storja ta' dipendenza fuq id-droga jew l-alkoħol, għax pazjenti bħal dawn jistgħu jżidu d-dożaġġ minn jeddhom.

Għal xi pazjenti f'riskju għoli ta' abbuż tas-sustanza, methylphenidate jew sustanzi stimulanti oħra jistgħu ma jkunux xierqa u għandha tiġi kkunsidrata kura mingħajr stimulanti.

Irtirar

Superviżjoni b'attenzjoni hija meħtieġa waqt l-irtirar tal-mediċina, peress li dan jista' jikxef depressjoni kif ukoll attività eċċessiva kronika. Xi pazjenti jista' jkollhom bżonn visti ta' wara fit-tul.

Superviżjoni b'attenzjoni hija meħtieġa waqt l-irtirar tal-mediċina minn użu abbużiv peress li tista' sseħħ depressjoni severa.

Għeja

Methylphenidate m'għandux jintuża għall-prevenzjoni jew kura ta' stati ta' għeja normali.

Sustanzi oħra: intolleranza għal galactose/sucrose [biex timtela mill-pajjiż partikolari]

Dan il-prodott mediċinali fih lactose: pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza għal galactose, nuqqas ta' Lapp lactase jew assorbiment ħażin ta' glucose-galactose m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

Dan il-prodott mediċinali fih sucrose: pazjenti bi problemi ereditarji rari ta' intolleranza għal fructose, assorbiment ħażin ta' glucose-galactose jew insuffiċjenza ta' sucrose-isomaltase m'għandhomx jieħdu din il-mediċina.

Għażla ta' formulazzjoni ta' methylphenidate

L-għażla ta' formulazzjoni ta' prodott li fih methylphenidate għandha tiġi deċiża mill-ispeċjalist li qed jikkura fuq bażi individwali u tiddependi fuq it-tul ippjanat ta' l-effett.

Ittestjar għad-drogi

Methylphenidate jista' jwassal għal testijiet tal-laboratorju pożittivi għal amphetamines foloz, speċjalment b'test ta' analiżi permezz ta' immunoassay.

Insuffiċjenza tal-kliewi jew tal-fwied

M'hemmx esperjenza bl-użu ta' methylphenidate f'pazjenti b'insuffiċjenza tal-kliewi jew tal-fwied.

Effetti ematoloġiċi

Is-sigurta' fit-tul tat-trattament b'methylphenidate mhux magħruf. F'każ ta' Lewkopenija, tromboċitopenija, anemija jew bidliet oħra, inklużi dawk indikattivi ta' distrurbi serji tal-kliewi u tal-fwied, għandu jiġi kkunsidrat waqfien tal-kura.

Potenzjal ta' ostruzzjoni gastro-intestinali [biex timtela mill-pajjiż partikolari kif meħtieġ]

Peress li l-pillola {Isem Ivvinat} ma tiġix deformata u ma' tinbidilx fil-forma b'mod apprezzabbli fl-apparat gastro-intestinali (GI), normalment m'għandhiex tingħata lill-pazjenti b'tidjiq sever tal-GI (patoloġiku jew jatroġeniku) eżistenti minn qabel jew f'pazjenti b'disfaġġa jew b'diffikultà sinifikanti biex jibilgħu l-pilloli. Kien hemm rapporti rari ta' sintomi ostruttivi f'pazjenti bi djuq magħruf f'assoċjazzjoni ma' l-inġestjoni ta' mediċini f'formulazzjonijiet li ma jiġux deformati u li jerħu l-mediċina bil-mod.

Minħabba d-disinn tal-pillola li terħi l-mediċina bil-mod, {Isem Ivvinat} għandu jintuża biss f'pazjenti li huma kapaċi jibilgħu l-pillola sħiħa. Il-pazjenti għandhom jiġu infurmati li {Isem Ivvinat} irid jinbela' sħiħ bl-għajna ta' likwidi. Il-pilloli m'għandhomx jintmoghdu, jinqasmu, jew jitfarrku. Il-medikazzjoni tinsab għewwa qoxra li ma tiġix assorbita, iddisinjata biex terħi l-mediċina b'rata kkontrollata. Il-qoxra tal-pillola tiġi eliminata mill-ġisem; il-pazjenti m'għandhomx jinkwetaw jekk xi kultant jinnutaw xi ħaġa fil-purgar li tixbah pillola.

4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarijiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott

Interazzjoni farmakokinetika

Mhux magħruf kif methylphenidate jista' jaffettwa il-konċentrazzjonijiet fil-plażma ta' mediċini mogħtija fl-istess waqt. Għalhekk, attenzjoni hija rrakkomandata meta methylphenidate jitħallat ma' mediċini oħra speċjalment dawk b'firxa terapewtika dejqa.

Methylphenidate mhux metabolizzat minn ċitokromju P450 fi kwantità ta' rilevanza klinika. Indutturi jew inibituri ta' ċitokromju P450 mhux mistennija li jkollhom xi impatt rilevanti fuq il-farmakokinetika ta' methylphenidate. Bil-maqlub, l-enantiomers d u l ta' methylphenidate ma jinibixxux b'mod rilevanti lil ċitokromju P450 1A2, 2C8, 2C9, 2C19, 2D6, 2E1 jew 3A. Madankollu, hemm rapporti li jindikaw li methylphenidate jista' jinibixxi il-metaboliżmu ta' sustanzi kontra l-koagulazzjoni tad-demem coumarin, sustanzi kontra l-konvulżjonijiet (e.ż. phenobarbitol, phenytoin, primidone) u ta' xi antidepressanti (triċikliċi u inibituri selettivi tat-teħid mill-ġdid ta' serotonin). Meta tinbeda jew titwaqqaf kura b'methylphenidate, jista' jkun hemm bżonn bidla fid-dożaġġ ta' dawn il-mediċini li qed jittieħdu diġà u li jiġu stabbiliti l-konċentrazzjonijiet tal-mediċina fil-plażma (jew għal coumarin, il-ħinijiet ta' koagulazzjoni).

Interazzjonijiet farmakodinamiċi

Mediċini kontra l-pressjoni għolja

Methylphenidate jista' jnaqqas l-effettività ta' mediċini wżati biex jikkuraw pressjoni għolja.

Użu ma' mediċini li jgħollu l-pressjoni tad-demem

Attenzjoni hija rrakkomandata f'pazjenti li qed jiġu kkurati b'methylphenidate flimkien ma' xi mediċina oħra li tista' wkoll tgħolli l-pressjoni tad-demem (ara wkoll is-sezzjonijiet dwar kundizzjonijiet kardjovaskulari u ċerebrovaskulari f'Sezzjoni 4.4 Twissijiet u Prekawzjonijiet għall-użu)

Minħabba l-possibbiltà ta' kriżi ipertensiva, methylphenidate huwa kontra-indikat f'pazjenti li qed jiġu kkurati (fil-preżent jew fil-ġimagħtejn ta' qabel) b'inibituri mhux selettivi u irriversibbli ta' MAO (ara sezzjoni 4.3 Kontra-indikazzjonijiet).

Użu ma' l-alkoħol

Alkoħol jista' jaggrava l-effetti avversi tas-CNS ta' mediċini psikoattivi, inkluż methylphenidate. Għalhekk huwa rrakkomandat li l-pazjenti ma jieħdux alkoħol waqt il-kura.

Użu ma' anestetiċi aloġeni

Hemm riskju ta' żjeda f'daqqa fil-pressure tad-demm waqt kirurġija. Jekk hija ppjanata kirurġija, kura b'methylphenidate m'għandix tintuża fil-ġurnata tal-kirurġija.

Użu ma' agonisti ta' alpha-2 li jgħidmu b'mod ċentrali (e.ż. clonidine)

Kienet rrapportata avvenimenti avversi serji, inkluż mewt f'daqqa, bl-użu flimkien ma' clonidine. Is-sigurtà ta' l-użu ta' methylphenidate flimkien ma' clonidine jew agonisti oħra ta' alpha-2 li jgħidmu b'mod ċentrali ma' għad li qed jiġi evalwata b'mod sistematiku.

Użu ma' mediċini dopaminerġiċi

Attenzjoni hija rrakkomandata meta methylphenidate jingħata ma' mediċini dopaminerġiċi, inkluż antipsikotiċi. Peress li azzjoni predominanti ta' methylphenidate hija żjeda fil-livelli ekstraċellulari ta' dopamine, methylphenidate jista' jkun assoċjat ma' interazzjonijiet farmakodinamiċi meta jingħata flimkien ma' agonisti diretti jew indiretti ta' dopamine (inkluż DOPA u antidepressanti triċikliċi) jew ma' antagonisti ta' dopamine inkluż antipsikotiċi.

4.6 Tqala u effetti fuq il-ħalib tas-sider

Tqala

Hemm ammont ta' tagħrif limitat dwar l-użu ta' methylphenidate f'nisa tqal.

Każijiet ta' tossiċità kardjorespiratorja fit-trabi, speċifikament takikardija fil-fetu u distress respiratorju kienet irrapportata f'rapporti ta' każijiet spontani.

Studji fuq l-annimali urew evidenza ta' tossiċità fuq is-sistema riproduttiva b'dożi tossiċi għall-omm biss. (Ara sezzjoni 5.3)

Methylphenidate mhux irrakkomandat għall-użu waqt it-tqala jekk ma titteħidx deċiżjoni klinika li jekk il-kura tiġi posposta jista' jkun hemm riskju akbar għat-tqala.

Treddigħ

Methylphenidate instab fil-ħalib tas-sider ta' mara ikkurata b'methylphenidate.

Hemm rapport ta' każ ta' tarbija li kellha tnaqqis mhux speċifikat fil-piż waqt il-perijodu ta' esponiment iżda rkuprat u żiedet il-piż wara li l-omm waqfet il-kura b'methylphenidate. Riskju għat-tarbija li qed terda' ma jistax jiġi eskluż.

Għandha tittieħed deċiżjoni jekk jitwaqqafx it-treddigħ jew jekk titwaqqafx/tastjenix mit-terapija b'methylphenidate b'kunsiderazzjoni tal-benefiċċju tat-treddigħ għat-tarbija u l-benefiċċju tat-terapija għall-mara.

4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Methylphenidate jista' jikkawża sturdament, nġas u disturbi fil-vista inkluż diffikultajiet fl-akkomodazzjoni viżiva, vista doppja u vista mċajpra. Huwa jista' jkollu influwenza moderata fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni. Il-pazjenti għandhom jiġu mwissija dwar dawn l-effetti possibbli u avżati li jekk affettwati, għandhom jevitaw attivitajiet li jistgħu jkunu ta' periklu bħal sewqan jew tħaddim ta' magni

4.8 Effetti mhux mixtieqa

It-tabella isfel turi r-reazzjonijiet avversi tal-mediċina (ADRs) kollha osservati waqt il-provi kliniċi u fir-rapporti spontani ta' wara t-tqegħid fis-suq b' *{Isem Ivvintat}* u daww, li ġew irrapportati b' formulazzjonijiet oħra ta' methylphenidate hydrochloride. Jekk il-frekwenzi ta' l-ADRs b' *{Isem Ivvintat}* u bil-formulazzjoni ta' methylphenidate kienu differenti, intużat l-ogħla frekwenza taż-żewġ databażi.

Stima tal-frekwenzi:

komuni ħafna ($\geq 1/10$)

komuni ($\geq 1/100$ sa $< 1/10$)

mhux komuni ($\geq 1/1000$ sa $< 1/100$)

rari ($\geq 1/10,000$ sa $< 1/1000$)

rari ħafna ($< 1/10,000$)

mhux magħruf (ma tistax tittieħed stima mid-data disponibbli).

Sistema tal-Klassifika tal-Organ	Reazzjoni Avversa tal-Mediċina					
	Frequency					
	Komuni Ħafna	Komuni	Mhux Komuni	Rari	Rari Ħafna	Mhux Magħruf
Infezzjonijiet u infestazzjonijiet		Nasofarinġite				
Disturbi tad-dem u tas-sistema limfatika					Anemija, Lewkopenija, Tromboċitopenija, Purpura tromboċitopenika	Panċitopenija
Disturbi fis-sistema immuni			Reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva bħal edima anġjonewrotika, Reazzjonijiet anafilattiċi, Nefħa madwar il-widna, Kundizzjonijiet bullużi, Kundizzjonijiet bil-qxur, Urtikarja, Ħakk, Raxx u Ponot			
Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni*		Anoressija, Tnaqqis fl-aptit, Żjieda fil-piż u fit-tul moderatament imnaqqsa waqt użu fit-tul fit-tfal*				

Disturbi psikjatriċi*	Insomnija, Nervi	Anoressija, Nuqqas ta' stabbiltà affettiva, Aggressjoni*, Aġitazzjoni*, Ansjetà*, Depressjoni*, Irritabilità, Imġieba mhux normali	Disturbi psikotiċi*, Alluċinazzjonijiet tas-smiġħ, tal-vista u tas-sens tal-mess*, Rabja, Ħsieb ta' suwiċidju*, Burdata mibdula, Bidla f'daqqa fil-burdata, Aġitazzjoni, Biki malajr, Kontrazzjonijiet involontarji*, Aggravar ta' kontrazzjonijiet involontarji eżistenti minn qabel jew tas-sindrome ta' Tourette*, Vigilanza eċċessiva, Disturb fl-irqad	Manija*, Disorjentażżjoni, Disturb fil-libido	Attentat ta' suwiċidju (inkluż suwiċidju mwettaq)*, Burdata temporanjament depressa*, Ħsibijiet mhux normali, Apatija, Mġieba ripetittiva, Iffukar eċċessiv	Delużjonijiet*, Disturbi fil-ħsieb*, Stat ta' konfużjoni, Dipendenza, Każijiet ta' abbuż u dipendenza ġew deskritti, b'mod aktar komuni b'formulazzjonijiet ta' rilaxx immedjat
Disturbi fis-sistema nervuża	Uġiġħ ta' ras	Sturdament, Diskinesja, Attività psikomotorja eċċessiva, Ngħas	Heġla, Rogħda		Konvulżjonijiet, Movimenti korejo-atetojdi, Nuqqas newroloġiku iskemiku riversibbli, Sindrome malinna newrolettika (NMS; Rapporti kienu dokumentati ħażin u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-pazjenti kienu qed jirċievu wkoll mediċini oħra, għalhekk ir-rwol ta' methylphenidate mhux ċar).	Disturbi ċerebrovaskulari* (inkluż vaskulite, emorraġiji ċerebrali, aċċidenti ċerebrovaskulari, arterite ċerebrali, okklużjonijiet ċerebrali), Konvulżjonijiet grand mal*, Emigranja
Disturbi fl-għajnejn			Diplopja, Vista mċajpra	Diffikultajiet fl-akkomodażżjoni tal-vista, Midrijasi, Disturb fil-vista		

Disturbi fil-qalb*		Arritmija, Takikardija, Palpitazzjoniji et	Ugħigh fis-sider	Angina pectoris	Arrest kardijaku, Infart mijokardijaku	Takikardija supraventrikulari, Bradikardija, Ekstrasistoli ventrikulari, Ekstrasistoli
Disturbi vaskulari*		pressjoni għolja			Artrite ċerebrali u/jew okklużjoni, Kesħa fil-periferiji, Fenomenu ta' Raynaud	
Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali		Sogħla, Ugħigh faringolarinġali	Qtugħ ta' nifs			
Disturbi gastro-intestinali		Ugħigh addominali, Dijarea, Tqalligħ, Skomdu fl-istonku, u rimettar [biex timtela mill-pajjiż partikolari kif meħtieġ]— “dawn ġeneralment iseħħu fil-bidutal-kura u jistgħu jittaffew bit-teħid ta' ikel fl-istess waqt”, Ħalq xott.	Stitikezza			
Disturbi fil-fwied u fil-marrara			Żjieda fl-enżimi tal-fwied		Funzjoni tal-fwied mhux normali, inkluż koma tal-fwied	
Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda		Alopeċja, Ħakk, Raxx, Urtikarja	Edima angjonewrotika, Kundizzjonijiet bullużi, Kundizzjonijiet bil-qxur	Għaraq eċċessiv, Raxx makulari, Eritema	Eritema multiforme, Dermatite bil-qxur, Eruzzjonijiet permanenti għall-mediċina	

Disturbi muskolu-skeltrali, tal-connective tissue u tal-għadam		Artralġja	Kontrazzjonijiet involontarji tal-muskoli		Bugħawwieġ	
Disturbi fil-kliewi u fis-sistema urinarja			Ematurja			
Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider				Ginekoma stija		
Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet ta' mnejn jingħata		Deni, Ittardjar fit-tkabbir waqt użu fit-tul fit-tfal*	Uġiġħ fis-sider, Għeja		Mewt kardijaku f'daqqa*	Skomdu fis-sider, Deni eċċessiv
Investigazzjonijiet		Bidliet fil-pressjoni tad-demm u fir-rati tal-qalb (ġeneralment żjieda), Tnaqqis fil-piż	Ħoss kardijaku*, Żjieda fl-enżimi tal-fwied		Żjieda fl-alkaline phosphatase fid-demm, Żjieda fil-bilirubin fid-demm, Tnaqqis fl-għadd tal-plejtlits, Għadd ta' ċelluli bojod tad-demm mhux normali	

* Ara sezzjoni 4.4

4.9 Doża eċċessiva

Meta jiġu kkurati pazjenti b'doża eċċessiva, iridu jsiru konċessjonijiet għar-reħa ttardjata ta' methylphenidate minn XXXX.

Sinjali u sintomi

Doża eċċessiva akuta, fil-biċċa l-kbira kkawżata minn stimolazzjoni eċċessiva tas-sistemi nervużi ċentrali u simpatetika, tista' twassal għal rimettar, aġitazzjoni, roġħda, iperrifleksja, kontrazzjonijiet tal-muskoli, konvulżjonijiet (jistgħu jkunu segwiti minn koma), ewforja, konfużjoni, alluċinazzjonijiet, delirju, għaraq, fwawar, uġiġħ ta' ras, deni eċċessiv, takikardija, palpitazzjonijiet, aritmiji kardijaċi, pressjoni għolja, midrijasi u membrani mukużi xotti .

Kura

M'hemmx antidotu speċifiku għal doża eċċessiva ta' methylphenidate.

Il-kura tikkonsisti minn miżuri xierqa ta' support.

Il-pazjent irid jiġi protett minn ħsara għalih innifsu u kontra stimuli esterni li jaggravaw l-istimolazzjoni eċċessiva li diġà hemm. Jekk is-sinjali u s-sintomi mhux severi wisq u l-pazjent huwa konxju, il-kontenuti ta' l-istonku jistgħu jiġu evakwati permezz ta' induzzjoni ta' rimettar jew tlaħliħ ta' l-istonku. Qabel jitwettaq tlaħliħ ta' l-istonku, jekk ikun hemm aġitazzjoni u aċċessjonijiet dawn għandhom jiġu ikkontrollati u l-passaġġ ta' l-arja għandu jiġi protett. Miżuri oħra għad-detossifikazzjoni tal-musrana jinkludu l-għoti ta' faħam attiv u ta' porga. Fil-preżenza ta'

intossikazzjoni severa, qabel jitwettaq it-tlaħliħ ta' l-istonku għandha tingħata doża titrata b'attenzjoni ta' benzodiazepine.

Kura intensiva għandha tiġi pprovduta sabiex tinżamm ċirkolazzjoni xierqa u tibdil respiratorju; għandu mnejn ikunu meħtieġa proċeduri esterni ta' tkessiħ għal deni eċċessiv.

L-effikaċja ta' dijalisi peritoneali jew ta' emodijalisi ekstrakorporali għal doża eċċessiva ta' methylphenidate ma ġietx stabbilita.

5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina

Karċinoġeniċità

Fi studji dwar il-karċinoġeniċità tul il-ħajja kollha fil-firien u ġrieden, kienet innutata żjieda fin-numru ta' tumuri malinni tal-fwied fi ġrieden maskili biss. Is-sinnifikanza ta' din is-sejba għall-bniedem mhux magħrufa.

Methylphenidate ma affettwax il-ħila riproduttiva jew il-fertilità f'multipli baxxi tad-doża klinika.

Tqala-żvilupp tal-embriju/fetu

Methylphenidate mhux ikkunsidrat li huwa teratoġeniku fil-firien u l-fniek. Tossiċità għall-fetu (i.e. telf tal-boton kollu) u tossiċità għall-omm kienet innutata fil-firien b'dożi tossiċi għall-omm.

FULJETT TA' TAGĦRIF

...[]...

1. X'INHU L-METHYLPHENIDATE U GĦAL XIEX TINTUŻA

...[]...

Il-methylphenidate (metilfenidat) jintuża biex tittratta d-disturb tan-nuqqas ta' attenzjoni u ta' attività eċċessiva (ADHD) f'adolessenti u tfal ta' 6 snin u aktar meta miżuri mhux farmaċewtiċi oħrajn waħidhom jkunu rriżultaw bħala li mhumiex biżżejjed.

Il-methylphenidate għandu jintuża flimkien ma' forom oħrajn ta' trattamenti, bħala parti minn programm ta' trattament komprensiv. Programm ta' trattament komprensiv normalment jinkludi miżuri psikoloġiċi, edukattivi u soċjali kif ukoll farmakoterapija u jkun immirat biex jistabbilizza t-tfal b'ADHD b'sintomi li jistgħu jinkludu storja kronika ta' attenzjoni għal żmien qasir ħafna, distrazzjoni, nuqqas ta' stabbiltà emozzjonali, impulsività, attività eċċessiva severa sa moderata, sinjali newroloġiċi minuri u elettoenċepalografija anomala (EEG). It-tagħlim jista' jew jista' jkun li ma jkunx imfixkel. Id-dijanjożi ma tistax issir biss fuq il-preżenza ta' sintomu wieħed jew aktar. Dijanjożi xierqa teħtieġ l-użu ta' riżorsi mediċi u psikoloġiċi, edukattivi u soċjali speċjalizzati.

It-terapija bil-methylphenidate għandha tinbeda biss minn, u għandha tintuża taħt is-superviżjoni ta' speċjalista fid-disturbi fl-imġiba tat-tfal u/jew tal-adolessenti.

It-trattament b'methylphenidate mhuwiex indikat fit-tfal kollha b'ADHD u d-deċiżjoni biex tintuża l-mediċina għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni b'reqqa kbira tal-gravità u l-kroniċità tas-sintomu tat-tifel/tifla fir-rigward tal-età tat-tifel/tifla. L-użu tal-methylphenidate għandu dejjem isir b'dan il-mod skont l-indikazzjoni awtorizzata u skont il-linji gwida tal-preskrizzjoni / dijanjożi.

...[]...

2. Qabel ma tieħu l-methylphenidate

...[]...

Tiħux methylphenidate jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek

- allerġiku/a (ipersensittiv[a]) għall-methylphenidate (metilfenidat) jew għal xi sustanza oħra ta' methylphenidate.
- tbat minn glawkoma (żieda fil-pressjoni fl-għajn)
- tbat minn feokromoċitoma (tumur tal-glandola adrenali)
- matul dawn l-aħħar 14-il ġurnata tieħu mediċini magħrufin bħala inibituri tal-monoaminossidazi (monoamine oxidase) (MAOIs) għad-depressjoni, jew ħadt MAOIs
- tbat minn problemi tat-tirojde
- tbat minn anoressija jew minn disturbi anoressiċi
- tbat minn depressjoni, disturbi fil-burdata, manija, jew għandek ħsibijiet suwiċidali
- tbat minn sintomi psikotiċi jew minn skizofrenija jew minn disturbi ta' personalità psikopatika/bordeline.
- għandek dijanjożi jew storja ta' Disturb Bipolari (affettiv) sever u episodiku (Tip 1)
- tbat minn problemi tal-qalb bħal storja ta' attakki tal-qalb, taħbit tal-qalb irregolari, uġiġ u skonfort fis-sider, insuffiċjenza kardijaka jew problemi sinifikanti bl-istruttura jew il-funzjoni tal-qalb li kienu preżenti fit-twelid.
- għandek pressjoni għolja tad-demm jew tidjiq tal-arterji u tal-vini, li possibilmint jirriżultaw fi wġiġ fid-dirgħajn u r-riġlejn
- kellek disturb ċerebrovaskulari bħal puplesija, anewriżma ċerebrali, jew anomaliki vaskulari inkluż il-vaskulite ċerebrali

Il-methylphenidate mhuwix awtorizzat għall-użu f'adulti b'ADHD.

Il-methylphenidate m'għandux jingħata lil tfal taħt l-eż ta-6 snin jew lill-anzjani billi s-sigurtà u l-benefiċċji tal-użu f'dawn il-gruppi ta' etajiet ma ġewx stabbiliti.

Oqgħod attent ħafna bil-methylphenidate u għaraf lit-tabib tiegħek jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek

- Ingħatajt struzzjoni biex tieħu dawn il-pilloli għal aktar minn 12-il xahar (ara s-sezzjoni 3 hawn taħt dwar l-użu fit-tul)
- Dieħel/dieħla għall-pubertà (adoleszenza)
- Wasalt biex tieqaf tieħu l-methylphenidate billi t-tabib tiegħek jista' jkun irid jimmonitorja lit-tifel/tifla tiegħek għal depressjoni
- għandek marda tal-qalb jew xi problema oħra serja tal-qalb
- kellek attakki ta' puplesija (konvulsivi, epilettiċi) jew EEGs anomali (skens elettroenċefalogrammi tal-moħħ)
- għandek pressjoni għolja tad-demm.
- għandek problemi tal-fwied jew tal-kliewi.
- jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek għandkom disturbi psikjatriċi.
- għandek skossi fiċ-ċaqliq jew skossi verbali (għid ripetut ta' xi partijiet tal-ġisem jew ħsejjes u kliem ripetuti, diffiċli biex tikkontrollahom)
- qed tara, tisma' jew tħoss il-preżenza ta' affarijiet li mhumiex preżenti (alluċinazzjonijiet)
- temmen affarijiet li mhumiex reali (delirju)
- tħossok suspettuż(a) b'mod mhux tas-soltu (paranojja)
- tesperjenza bidliet fil-burdata bħal ħsibijiet mġaġġla jew impulsivi u wara tħossok irritabbli jew emozzjonalment u soċjalment maqtuġhin
- għandek ħsibijiet jew azzjonijiet suwiċidali
- tħossok depress(a) jew sens ta' ħtija
- tħossok aġitat(a), anzjuż(a) jew nervuż(a)
- tesperjenza mġiba aġressiva jew ostili mhux preżenti qabel jew li qed tmur għall-aġar

Kellem lit-tabib qabel it-trattament jekk xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet jew sintomi t'hawn fuq tapplika għalik jew għat-tifel/tifla tiegħek.

Kontrolli li t-tabib tiegħek jagħmel qabel jibda t-trattament bil-methylphenidate:

Sabiex it-tabib tiegħek jiddeċiedi jekk il-methylphenidate huwiex il-mediċina t-tajba għalik jew għat-tifel/tifla tiegħek, it-tabib tiegħek jiddiskuti miegħek dan li ġej:

- dwar xi mediċini li qed tieħu int jew it-tifel/tifla tiegħek
- dwar xi kundizzjonijiet mediċi oħra (bħall-kundizzjonijiet tal-qalb) li jista' jkollok int, it-tifel/tifla tiegħek jew preżenti fil-familja tiegħek;
- jekk hemmx storja familjari ta' mewt għal għarrieda bla spjegazzjoni fil-familja;
- kif tħossok int jew it-tifel/tifla tiegħek eż. qed tħossok emozzjonali, għandkom ħsibijiet strambi jew jekk kellekx xi wieħed minn dawn il-ħsibijiet fil-passat;
- dwar xi problemi ta' saħħa mentali/psikjatriċi/ta' mġiba li int jew it-tifel/tifla tiegħek jew xi membri oħra tal-familja għandkom jew kellek fil-passat. It-tabib tiegħek se jiddiskuti speċifikament jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek tinsabux f'riskju ta' disturb bipolari (affettiv), li jinvolvi anamnezi (kontroll tal-istorja) psikjatrika, inkluż storja familjari ta' suwiċidju, disturb bipolari u depressjoni;
- biex ikejjel it-tul u l-piż tiegħek jew tat-tifel/tifla tiegħek, ir-rata tat-taħbit tal-qalb u l-pressjoni tad-demem u jirreġistra dawn f'tabella;
- jekk hemmx storja ta' attackki ta' skossi (tics) fil-familja.

Huwa importanti li tipprovd l-informazzjoni kollha sabiex it-tabib tiegħek ikun jista' jiddeċiedi jekk il-methylphenidate huwiex il-mediċina t-tajba għalik jew għat-tifel/tifla tiegħek. It-tabib tiegħek jista' jiddeċiedi jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek għandkom bżonn testijiet mediċi oħra qabel ma' int jew it-tifel/tifla tiegħek tieħdu din il-mediċina.

Meta tieħu mediċini oħra

Jekk jogħġbok għarraf lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta tat-tabib.

Jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek qed tieħdu xi mediċini oħra, il-methylphenidate jista' jaffettwa l-effikaċja tal-mediċini oħra jew jista' jikkawża effetti sekondarji. Jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek qed tieħdu xi waħda minn dawn il-mediċini li ġejjin, kellem lit-tabib qabel ma tieħdu l-methylphenidate:

- Inibituri tal-monoaminossidazi (monoamine oxidase) (MAO), mhux selettivi, irriversibbli (użati għat-trattament tad-depressjoni);
- Sustanzi li jraqu l-vini (mediċini li jistgħu jżidu l-pressjoni tad-demem);
- Mediċini użati biex inaqsu l-pressjoni tad-demem, pereżempju klonidina (clonidine), gwanetidina (guanethidine), verapamil propranolol, eċċ.;
- Xi rimedji għas-sogħla u l-irjiħat fihom sustanzi li jistgħu jaffettwaw il-pressjoni tad-demem, għalhekk huwa importanti li tkellem lill-ispiżjar tiegħek meta tixtri xi wieħed minn dawn il-prodotti;
- Mediċini antidepressivi, inkluż amitriptilina (amitriptyline), imipramina (imipramine) u fluwoxetina (fluoxetine), paroxetina (paroxetine);
- Mediċini antiepilettiċi (mediċina kontra l-konvulżjonijiet) (eż. phenobarbital, fenitoina [phenytoin], primidone, eċċ.);
- mediċini li jraqu d-demem biex jipprevjenu l-emboli (mediċini li jraqu d-demem, eż. warfarina [warfarin]);
- mediċini dopaminerġiċi, inklużi dawk antipsikotiċi.

Jekk huwa ppjanat intervent kirurġiku bl-użu ta' anestetiku aloġenat (ċertu tip ta')

anestetiku [loppju]), int jew it-tifel/tifla tiegħek m'għandkomx tieħdu l-methylphenidate dakinhar tal-intervent, minħabba r-riskju ta' tluġh f'daqqa fil-pressjoni tad-demm waqt l-intervent.

Ittestjar għad-droga

Il-mediċina tista' tagħti riżultat pożittiv waqt testijiet għall-użu ta' drogi.

Jekk għandek xi dubju dwar jekk xi mediċini li qed tieħu int jew it-tifel/tifla tiegħek humiex inklużi fil-lista t'hawn fuq, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek qabel ma tieħu l-methylphenidate.

(Għall-inklużjoni ta' formulazzjonijiet tal-methylphenidate li jerħu l-mediċina b'mod mhux modifikat fil-Fuljett ta' Tagħrif:)

“Teħid tal-methylphenidate (metilfenidat) mal-ikel u x-xorb

It-teħid tal-methylphenidate (metilfenidat) mal-ikel jista' jgħin biex itaffi l-uġiġħ fl-istonku, in-nawżea [dardir] jew ir-remettar.”

Meta tieħu l-methylphenidate mal-alkoħol

Int jew it-tifel/tifla tiegħek m'għandkomx tixorbu alkoħol waqt li tieħdu din il-mediċina minħabba li l-alkoħol jista' jaggrava l-effetti sekondarji ta' din il-mediċina. Ftakar li xi ikel u mediċini fihom l-alkoħol.

Tqala u treddigħ

Qabel ma tieħu l-methylphenidate għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk int jew it-tifla tiegħek:

- sesswalment attiva. It-tabib tiegħek se jiddiskuti miegħek l-kontraċezzjoni;
- tqal jew taħsbu li intom tqal. It-tabib tiegħek jiddeċiedi jekk int jew it-tifla tiegħek għandkomx tużaw il-methylphenidate.
- qed treddgħu jew qed tippjanaw li treddgħu. Teżisti informazzjoni limitata li tissuġġerixxi li l-methylphenidate jgħaddi fil-ħalib tas-sider tal-omm. Għalhekk it-tabib tiegħek se jiddeċiedi jekk int jew it-tifla tiegħek għandkomx treddgħu waqt li tużaw il-methylphenidate.

Sewqan u tħaddim ta' magni

Sturdament, ngħas u disturbi viżivi jistgħu jseħħu meta tieħu l-methylphenidate. Jekk iseħħu dawn l-effetti sekondarji jista' jkun ta' periklu li tagħmel attivitajiet perikolużi, bħal sewqan, tħaddim ta' magni, sewqan ta' rota jew li titla' mas-siġar sakemm ma tkunx ċert(a) li int jew it-tifel/tifla tiegħek mhux se tkunu affettwati.

Informazzjoni importanti dwar uħud mis-sustanzi tal-methylphenidate

(Li għandha timtela fuq livell nazzjonali, kif xieraq)

...[]...

3. KIF GħANDEK <TIEHU><TUŻA> il-methylphenidate

...[]...

Qabel ma tibda t-trattament, ma' kull bidla fid-doża u mbagħad tal-inqas kull 6 xhur jew ma kull vista, it-tabib tiegħek se jagħmel diversi testijiet biex ikun żgur li l-methylphenidate għadu sigur u ta' benefiċċju b'mod aċċettabbli. Dawn jinkludu:

- Il-kejl tal-pressjoni tad-demm u tar-rata tat-taħbit tal-qalb u li dawn jiġu rreġistrati f'tabella, kull darba li d-doża tiegħek tinbidel u mbagħad tal-inqas kull sitt xhur jew f'kull vista.
- Il-kejl tat-tul, il-piż u l-aptit u li dawn jiġu rreġistrati f'tabella, kull darba li d-doża tiegħek tinbidel u mbagħad tal-inqas kull sitt xhur jew f'kull vista.
- Il-valutazzjoni ta' sintomi psikjatriċi, kull darba li d-doża tiegħek tinbidel u mbagħad tal-inqas kull sitt xhur jew f'kull vista.

Adattament tad-doża

Fil-bidu tat-trattament bil-methylphenidate jeħtieġ adattament (titration) bir-reqqa tad-doża. L-adattament tad-doża għandu jibda fl-inqas doża possibbli.

<Dejjem għandek <tiehu><tuża> l-methylphenidate skont il-parir tat-tabib. Dejjem għandek taċċerta ruħek <mat-tabib> <jew> <mal-ispizjar> tiegħek jekk ikollok xi dubju.> <Id-doża li ssoltu tingħata hija...>

Jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek ma tħossukomx aħjar b'din il-mediċina, it-tabib tiegħek jista' jiddeċiedi li jkun meħtieġ trattament differenti. Għid lit-tabib jekk ma jkun hemm l-ebda titjib fil-kundizzjoni tat-tifel/tifla tiegħek wara xahar ta' trattament bil-methylphenidate.

Trattament fit-tul

It-trattament b'methylphenidate ma jeħtieġ li jkun wieħed indefinit. Jekk il-methylphenidate jittieħed għal aktar minn sena, it-tabib tiegħek għandu jwaqqaf it-trattament tiegħek b'methylphenidate għal żmien qasir darba fis-sena biex jara jekk il-mediċina għadhiex meħtieġa. Int jew it-tifel/tifla tiegħek tistgħu tibqgħu taraw benefiċċju meta l-methylphenidate jitwaqqaf temporanjament jew b'mod permanenti. Dan jista' jsir matul il-vaganzi skolastiċi.

Il-pazjenti f'terapija fit-tul (jiġifieri għal aktar minn 12-il xahar) għandu jkunu sottoposti għal monitoraġġ kontinwu bir-reqqa, b'mod speċjali għall-kundizzjonijiet kardjovaskulari, it-ktabbir, l-aptit, l-iżvilupp *de novo* jew l-aggravar ta' sintomi psikjatriċi preeżistenti.

Abbuż

It-tifel jew it-tifla għandhom jiġu mmonitorjati għar-riskju ta' diverżjoni, użu ħażin jew abbuż tal-methylphenidate. L-abbuż kroniku ta' methylphenidate jista' jwassal għal tolleranza, dipendenza psikoloġika, imġiba anomala, episodji psikotiċi qawwija. Din il-mediċina hija maħsuba biss għalik jew għat-tifel/tifla tiegħek. Din għandha tingħata biss b'riċetta minn tabib u għalhekk m'għandhiex tingħadda lil xi ħadd ieħor. Din tista' tagħmel ħsara lil nies oħra, anke jekk għandhom l-istess sintomi bħat-tifel/tifla tiegħek.

Jekk <tiehu> <tuża> l-methylphenidate aktar milli suppost

Jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek tieħdu numru eċċessiv ta' pilloli, ikkuntattja lit-tabib jew lill-eqreb dipartiment tal-emerġenza fi sptar minnufih u għidilhom in-numru ta' pilloli meħuda.

Sinjali ta' dożaġġ eċċessiv jistgħu jinkludu: remettar, aġitazzjoni, roġħda, żieda f'ċaqliq bla kontroll, għid fil-muskoli, kriżijiet konvulsivi (jistgħu jkunu segwiti b'koma), sensazzjoni ta' ferħ estrem, konfużjoni (konfużjoni gravi), alluċinazzjonijiet (tara, tħoss jew tisma' affarijiet li mhumiex reali), ħruġ ta' għaraq, fwawar, uġiġħ ta' ras, deni qawwi, tibdil fit-taħbit tal-qalb (bil-mod, mgħaġġel jew irregolari), pressjoni għolja tad-dem, pupilli wisgħin u mniefer u ħalq xotti.

Jekk tinsa <tiehu> <tuża> l-methylphenidate

<int jew it-tifel/tifla tiegħek għandkom tieħdu d-doża li jmiss meta jkun imissha. M'għandekx tieħu doża doppja biex tpatti għal kull <pillola> <doża> <...>.> li tkun insejt tieħu.>

Jekk tieqaf <tiehu> <tuża> l-methylphenidate

L-għoti tal-pilloli m'għandux jitwaqqaf f'daqqa. Għandek issegwi mill-qrib l-parir tat-tabib tiegħek. Hija meħtieġa superviżjoni bir-reqqa matul l-irtirar billi dan jista' jikxef depressjoni, kif ukoll attività eċċessiva kronika.

<Jekk għandek aktar mistoqsijiet dwar l-użu ta' dan il-prodott, staqsi <lit-tabib> <jew> <lill-ispizjar> tiegħek.>

4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, il-methylphenidate jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

Il-probabbiltà li jkollok effett sekondarju huwa kif ġej:

Komuni ħafna (aktar minn persuna 1 minn kull 10)
Komuni (aktar minn persuna 1 minn kull 100 u inqas minn persuna 1 minn kull 10)
Mhux komuni (aktar minn persuna 1 minn kull 1,000 u inqas minn persuna 1 minn kull 100)
Rari (aktar minn persuna 1 minn kull 10,000 u inqas minn persuna 1 minn kull 1,000)
Rari ħafna (aktar minn persuna 1 minn kull 10,000)
Mhux magħruf (ma tistax issir stima mid-dejta disponibbli).

L-aktar effetti sekondarji komuni huma n-nervożiżmu, in-nuqqas ta' rqad u l-uġiġħ ta' ras.

Xi effetti sekondarji jistgħu jkunu **serji**. Jekk tbat i minn jew għandek xi tħassib dwar xi wieħed mill-effetti sekondarji t'hawn taħt, **kellem lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek**:

- tibdil gravi fil-burdata jew fil-personalità
- manija
- disturbi psikotiċi, inkluż alluċinazzjonijiet jew delirji viżivi, tal-mess jew tas-smigħ
- palpitazzjonijiet, ħass ħażin bla spjegazzjoni, uġiġħ fis-sider, qtugħ ta' nifs (xi drabi dawn jistgħu jkunu sinjali ta' marda kardijaka)
- paraliżi jew indeboliment tal-moviment u l-vista, diffikultà fit-taħdit (jistgħu jkunu sintomi ta' vaskulite ċerebrali).

Effetti fuq it-tkabbir u l-maturazzjoni

Meta użat għal perjodu twil ta' żmien, f'xi tfal il-methylphenidate jista' jikkawża tnaqqis fit-tkabbir (żieda fil-piż u/jew fit-tul). Għalhekk it-tabib tiegħek se jkun qed jistudja bir-reqqa t-tul u l-piż tiegħek jew tat-tifel/tifla tiegħek kif ukoll kemm int jew it-tifel/tifla tiegħek qegħdin tieklu tajjeb. Jekk int jew it-tifel/tifla tiegħek mhux qed tikbru jew iżżidu l-piż kif mistenni, allura t-trattament tiegħek jew tat-tifel/tifla tiegħek bil-methylphenidate jista' jitwaqqaf għal żmien qasir.

Effetti sekondarji oħra jinkludu:

Infezzjonijiet u infestazzjonijiet

Komuni: nasofarinġite

Disturbi tad-demem u tas-sistema linfatika

Rari ħafna: anemija, lewkoopemija, tromboċitopenija, purpura tromboċitopenika
Mhux magħrufa: panċitopenija

Disturbi fis-sistema immunitarja

Mhux komuni: reazzjonijiet ta' ipersensittività bħal edema angjonewrotika, reazzjonijiet anafilattiċi, nefħa fil-widna, kundizzjonijiet bullużi, kundizzjonijiet ta' tqaxxir tal-ġilda, urtikarja, ħakk, raxx u eruzzjonijiet

Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni*

Komuni: anoressija, tnaqqis fl-aptit, tnaqqis moderat tal-piż u żieda fit-tul waqt l-użu prolongat fit-tfal*

Disturbi psikjatriċi*

Komuni ħafna: insonnja, nervożiżmu

Komuni: anoressija, nuqqas ta' stabbiltà affettiva, aggressività*, aġitazzjoni*, ansjetà*, depressjoni*, irritabilità*, imġiba anomala

Mhux komuni: disturbi psikotiċi*, alluċinazzjonijiet viżivi, tas-smiġ u tal-mess*, rabja, formazzjoni ta' ideat suwiċidali*, altarazzjoni tal-burdata, tibdil fil-burdata, irrekwitezza, biki, attakki ta' skossi (tics)*, aggravar ta' attakki ta' skossi (tics) preeżistenti jew sindromu ta' Tourette*, ipervigilanza, disturb fl-irqad

Rari: manija*, diżorjentament, disturb fil-libido

Rari ħafna: tentattivi ta' suwiċidju (inkluż suwiċidju mwettaq)*, burdata depressa temporanja*, ħsibijiet mhux normali, apatija, imġiba ripetittiva, iperfokalizzazzjoni,

Mhux magħrufa: delirji*, disturbi fil-ħsibijiet*, stat konfużjonali

Disturbi fis-sistema nervuża

Komuni ħafna: uġiġħ ta' ras

Komuni: sturdament, diskinesija, iperattività psikomotorja, ħedla tan-nġhas

Mhux komuni: sedazzjoni, roġħda

Rari ħafna: konvulżjonijiet, movimenti koreo-atetojdi, defiċit newroloġiku iskemiku reversibbli

Sindromu newrolettiku malinn (NMS, ir-rapporti dokumentati kienu skarsi u f'ħafna mill-każijiet, il-pazjenti kienu qed jirċievu wkoll mediċini oħrajn, għalhekk ir-rwol tal-methylphenidate mhuwiex ċar).

Mhux magħrufa: disturbi ċerebrovaskulari* (inkluż vaskulite, emorraġiji ċerebrali, aċċidenti ċerebrovaskulari, arterite ċerebrali, okklużjoni ċerebrali), attakki tal-qamar*, emikranja

Disturbi fl-ġhajnejn

Mhux komuni: diplopja, vista sfukata,

Rari: diffikultajiet fl-adattament viżiv, midrijażi, disturbi viżivi

Disturbi kardijaċi*

Komuni: aritimija, takikardija, palpitazzjonijiet

Mhux komuni: uġiġħ fis-sider

Rari: angina pectoris

Rari ħafna: arrest kardijaku, infart tal-mijokardju

Mhux magħrufa: takikardija sopraventrikulari, bradikardija, extrasistoli ventrikulari, extrasistoli

Disturbi vaskulari*

Komuni: ipertensjoni

Mhux komuni:

Rari ħafna: arterite u/jew okklużjoni ċerebrali, sensazzjoni ta' ksiħ f'livell periferiku, fenomenu ta' Raynaud

Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastiniċi

Komuni: soġħla, uġiġħ faringolaringali

Mhux komuni: dispnea

Disturbi gastrointestinali

Komuni: uġiġħ addominali, dijarrea, nawżea, skumdità fl-istonku, u remettar – {*għall-inklużjoni ta' formulazzjonijiet tal-methylphenidate li jerġu l-mediċina b'mod mhux modifikat fil-Fuljett ta' Tagħrif:*} “dawn ġeneralment iseħħu fil-bidu tat-trattament u jistgħu jittaffew bit-teħid fl-istess ħin ta' ikel”,

Ħalq xott.

Mhux komuni: stitikezza

Disturbi tas-sistema epatobiljari

Mhux komuni: żieda tal-enzimi epatiċi

Rari ħafna: funzjoni epatika mhux normali, inkluż koma epatika

Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda

Komuni: alopeċja, ħakk, raxx, urtikarja

Mhux komuni: edema anġjonewrotika, kundizzjonijiet bullużi, kundizzjonijiet ta' tqaxxir tal-ġilda
Rari: iperidrożi, raxx makulari, eritema
Rari ħafna: eritema multiformi, dermatite bil-qxur, eruzzjoni fissa minn mediċina

Disturbi tal-apparat muskuloskeletalriku u tat-tessut konnettiv

Komuni: artralġija
Mhux komuni: mijalġija, ġbid fil-muskoli
Rari ħafna: bugħawwieġ

Disturbi renali u fis-sistema urinarja

Mhux komuni: ematurja

Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider

Rari: ġinekomastija

Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet ta' mnejn jingħata

Komuni: piressija, ittardjar fit-tkabbir waqt l-użu mtawwal fit-tfal*
Mhux komuni: uġiġħ fis-sider, għeja
Rari ħafna: mewt kardijaku f'daqqa*
Mhux magħrufa: skumdità fis-sider, iperpiressija

Investigazzjonijiet

Komuni: tibdil fil-piressjoni tad-demm u fir-rata tat-taħbit tal-qalb (ġeneralment żieda)*, tnaqqis tal-piż*
Mhux komuni: mormuriju kardijaku*, żieda tal-enzimi epatiċi
Rari ħafna: żieda tal-fosfatażi alkalina u tal-bilirubina fid-demm, tnaqqis fl-għadd ta' platelets, għadd anomalu taċ-ċelloli bojod tad-demm

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jaggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li mhumiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, kellek lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

...[]...

ANNESS IV

KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

L-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali, ikkoordinati mill-Istat Membru ta' Referenza fejn applikabbli, għandhom jassiguraw li l-kundizzjonijiet segwenti jiġu sodisfatti mid-Detenturi tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq.

Informazzjoni dwar il-Prodott

Fuljett ta' Tagħrif

Il-MAHs għandhom jarmonizzaw il-formolazzjoni rilevanti tal-Fuljett ta' Tagħrif (PL) billi jirriflettu l-bidliet proposti fl-SPC. Il-formolazzjoni tal-PL li sar qbil fuqha mill-CHMP għandha tiġi riveduta biex tkun tista' tinqara aħjar mill-pazjent, u imbagħad għandha tiġi ittestjata mill-utent.

Effetti Kardjovaskulari u Ċerebrovaskulari

Studju imfassal biex:

- 1) jevalwa r-relazzjoni bejn l-użu ta' medikazzjonijiet għal ADHD u r-riskju ta' mard kardjovaskulari serju fit-tfal u żgħażaġh, li għandhom bejn 2-24 sena;
- 2) jevalwa r-relazzjoni bejn l-użu ta' medikazzjonijiet għal ADHD u r-riskju ta' mard kardjovaskulari serju fl-adulti, li għandhom bejn 25-64 sena; u,
- 3) jagħmel analiżi addizzjonali li huma rilevanti għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet bħal speċjalisti, programmi ta' Medicaid mill-Istat, u ġenituri/pazjenti.

Il-MAHs se jevalwaw ir-rapport finali tal-istudju, meta ippubblikat, u se jrin jaġġornaw l-RMP Ewlieni, u fejn xieraq l-SPC/PL Ewlenin, biex jirriflettu s-sejbiet.

Ċitogenetiċità

Studju CRIT124D2201 “*Evalwazzjoni kkontrollata, b'tikketta mikxufa tat-trattament tal-imġiba tal-effetti ta' methylphenidate ta' rilaxx estiż (Ritalin LA) fuq il-frekwenza tal-anormalitajiet ċitoġenetiċi fi tfal ta' bejn 6-12-il sena b'disturb dovut għal attività eċċessiva u nuqqas ta' attenzjoni*”. L-RMP Ewlieni, u fejn xieraq l-SPC/PL Ewlenin, għandhom jiġu aġġornati biex jirriflettu s-sejbiet ta' dan l-istudju.

Studju NCT 00341029 “*Kejl tal-Punti tat-Tmim Ċitoġenetiċi fil-Limfoċiti fi Tfal Iddijanostikati b'Disturb b'Nuqqas ta' Attenzjoni/Attività Eċċessiva (ADHD) u Trattati B' Methylphenidate jew Adderall*”, magħmul mill-Istitut Nazzjonali tal-Istati Uniti tax-Xjenzi tas-Saħħa Ambjentali b'kollaborazzjoni mal-FDA. Il-MAHs se jrin jevalwaw ir-rapport finali tal-istudju, meta ippubblikat, u se jrin jaġġornaw l-RMP, u fejn xieraq l-SPC/PL, biex jirriflettu s-sejbiet.

Tkabbir, Żvilupp u Maturazzjoni Sesswali

Studju MTA.

“*Effetti ta' medikazzjoni stimulanti fuq it-tkabbir fl-MTA (Studju tat-Trattament Multimodali tal-ADHD)*” ta' follow-up, imwettaq mill-Grupp Kooperattiv tal-MTA. Il-MAHs se jevalwaw ir-rapport finali tal-istudju, meta ippubblikat, u se jrin jaġġornaw l-RMP, u fejn xieraq l-SPC/PL, biex jirriflettu s-sejbiet.

Studju dwar il-maturazzjoni sesswali: studju prospettiv mibdi minn investigatur, b'tikketta mikxufa, b'terminu twil, ta' sentejn fl-Istati Uniti fuq 150 adoloxxent (12-17-il sena) b'ADHD, biex jiddetermina jekk it-trattament b'methylphenidate jevitax it-tipjip f'din il-popolazzjoni. Għalkemm l-istudju jiffoka fuq il-prevenzjoni tat-tipjip, se jsiru eżamijiet Tanner f'fażijiet kull 6 xhur matul is-sentejn ta' wara u dawn se jrin jimmonitorjaw l-iżvilupp ta' kull suġġett waqt il-pubertà biex juru jekk methylphenidate għandux xi effett fuq il-mod kif jikber u jiżviluppa l-adoloxxent meta mqabbla man-

normi tal-popolazzjoni. Il-MAHs sejrjn jagħmlu r-rapport finali tal-istudju disponibbli, meta jkun ippubblikat, u sejrjn jaġġornaw l-RMP, u fejn xieraq l-SPC/PL, biex jirriflett u s-sejbiet.

Effetti psikjatriċi

Il-MAHs sejrjn jinvestigaw il-fattibilità tat-twettiq ta' meta-analiżi tar-riskju ta' suwiċidju assoċjat mal-użu ta' methylphenidate fit-tfal u l-adolesxenti b'ADHD fuq il-bażi tad-dejta tal-provi kliniċi ta' methylphenidate li bħalissa hija disponibbli għall-MAHs.

Jekk l-analiżi abbażi tad-dejta disponibbli bħalissa hija meqjusa fattibbli, il-MAHs sejrjn jagħmlu r-riżorsi disponibbli biex isostnu l-analiżi u jaġġornaw l-RMP biex jirriflett u s-sejbiet tiegħu.

Effetti tal-Użu għal Terminu Twil

Il-MAHs impenjaw ruħhom li jipprovdu evalwazzjoni dettaljata tal-fattibilità għal studju tas-sigurtà xjentifikament validu, iddisinjat sewwa u mħaddem b'mod xieraq fuq perjodu ta' żmien twil biex jeżamina l-punti tat-tmim speċifiċi għar-risultati segwenti:

- i) risultati konoxxittivi avversi
- ii) risultati psikjatriċi avversi (eż. disturbi fil-burdata, ostilità u disturbi psikotiċi)

Il-MAHs sejrjn jikkunsidraw l-inklużjoni ta' dejta ibbażata b'mod predominanti fuq l-UE, u l-valutazzjoni tal-fattibilità tikkummenta wkoll fuq liema sorsi ta' dejta mhux mill-UE jistgħu jintużaw bħala alternattiva. Jekk il-valutazzjoni tal-vijabilità turi li studju xjentifikament validu, iddisinjat sewwa u mħaddem b'mod xieraq huwa vijabbli, allura l-MAHs jimpenjaw ruħhom li jipprovdu protokoll dettaljat. It-tul ta' żmien ta' follow-up propost ta' mill-inqas 5 snin għal suġġetti individwali se jkun ikkunsidrat. Fi ħdan il-5 snin ta' follow-up, se tingħata enfasi partikolari fuq il-valutazzjoni tal-effetti ta' espożizzjoni kumulattiva ta' mill-inqas 18-il xahar. Minħabba li dan mhuwiex studju ta' intervent, il-MAHs ma huma se jkollhom l-ebda kontroll fuq il-prattiċi ta' preskrizzjoni reali. L-età ta' ingaġġ tal-pazjent proposta se tkun kemm jista' jkun żgħira b'mod konsistenti mar-restrizzjonijiet fuq l-età tat-tikketta (jiġifieri tfal li għandhom sitt snin jew aktar). Id-disinn preferut ikun studju *cohort*, prospettiv. Il-MAHs jaqblu li jevalwaw gruppi komparaturi xierqa.

Studji dwar l-użu tal-mediċina, inkluż l-evalwazzjoni tal-Użu Mhux Ittikettat/ Abbuż

Il-MAHs jimpenjaw ruħhom li jipprovdu d-dejta retrospettiva kollha disponibbli fuq bażi ta' reviżjoni annwali għall-ħames snin li ġejjin fl-Istati Membri kollha fejn jintuża methylphenidate, biex tkun tista' ssir evalwazzjoni tal-bidliet fl-użu maż-żmien. Fejn possibbli, se jintużaw miżuri ta' użu inkluż fatturi varjabbli bħall-informazzjoni fuq l-ammont totali użat, l-età tal-pazjent, is-sess, id-doża indikata, id-dewmien tal-użu, il-kontinwità tat-trattament, il-ko-morbiditajiet, il-medikazzjonijiet konkomittanti, id-dejta fuq il-modi tal-użu u l-ispeċjalità tat-tabib. Dan l-impenn se jiġi rivedut wara 5 snin.

Fl-Istati Membri li huma koperti bid-database IMS, il-MAHs se jevalwaw ukoll l-użu mhux ittikettjat ta' methylphenidate. Il-MAHs se jikkunsidraw ukoll metodi alternattivi sabiex titlesta r-reviżjoni tal-użu (fejn possibbli) u l-użu mhux ittikettjat fl-Istati Membri li bħalissa mhumix koperti b'databases multi-nazzjonali (mal-UE kollha) bħal pereżempju l-IMS.

Strumenti edukattivi

Il-MAHs sejrjn jipproduċu għodod għall-Minimizzazzjoni tar-Riskju kompletament armonizzati li fihom l-informazzjoni importanti kollha mit-taqsimat tad-Dettalji Kliniċi tal-SPC Ewlieni. :

- Il-gwida għat-tobba dwar kif jagħtu riċetta
- Listi ta' kontrolli għal azzjonijiet qabel l-għoti ta' riċetta, u għal monitoraġġ kontinwu għal dawk it-tobba li jagħtu riċetti u, jekk ikun possibbli għal dawk li joffru kura tas-saħħa

PSURs

Il-MAHs sejr in jarmonizzaw l-iskeda ta' rappurtaġġ tal-PSUR għall-prodotti li fihom methylphenidate u kull sena sejr in jibagħtu PSURs għall-prodotti rispettivi tagħhom għat-tliet snin li ġejjin, u wara tiġi riveduta l-frekwenza tar-rappurtaġġ. Is-sinkronizzazzjoni tas-sottomissjoni ta' PSUR se tiffaċilita valutazzjoni komuni u rispons armonizzat mill-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali dwar aġġornamenti tal-SPC / PL u RMP.

Pjanijiet għall-Immaniġġjar tar-Riskji

Fl-ispeċifikazzjoni ewlenija tas-sigurtà, il-MAHs għandhom jinkludu t-tabella ewlenija finali ta' riskji identifikati u potenzjali kif mitluba mill-CHMP.

Fl-RMP, il-MAHs għandhom jevalwaw riskji identifikati ġodda u potenzjali, jew informazzjoni ġdida/importanti dwar riskji identifikati jew potenzjali eżistenti fuq bażi kontinwa.